MOGHDIJA TAZ-ZMIEN

# Li Storia ta Malta

TAL

IMHALLEF P. DE BONU

TRADOTTA

MINN

G. Muscat-Azzopardi




N. 31.

Stamperia tal Malta, 16, Strada Zecca,
Valletta

JINBIEH ZEUG SOLDI.

AC
95
.M35
M6

# X-tâf taghmel li mhabba

Fattijet tas-Sorijet tal Fkar, li jiġbru ix-xiuħ fl-Istitut taghhom u jaħsbulhom għall ħajja.

*Bli stampi, 2 soldi.*

---

# MARIANNA FUMI

Hrafa ta zmien'na li turi f'hiex igîb il ħàla. Ma fadalx minn daun il cotba ħlief xi 40 uieħed. Mîn irid jilħak minnhom ma idumx ma jaħseb jixtrihom għand il librar Ġanni Muscat, 48 Strada Mercanti, il Belt.

---

Il Cotba tal MOGHDIJA TAZ-ZMIEN jinsabu jinxtrau ucoll tas-Sliema, għand l'induratur Nicola Colonna, Strada Cattedrale.

---

L-euuel ctieb li sejjer joħroġ :

# MIT-TIEĊ GHALL MARTIRIU

TAL CAPPILLAN DUN A. SISNER

katt izjed minn President tal Consill tal Poplu. Izda l'*Università* ma chienetx tindaħal actar ħlief fil ħuejjeġ tal ichel, ghax, fi ftit cliem, chienet tilfet cull setgha li chellha u il Grammastru chien jaghmel collox chif ifettillu.

Fis-sena 1640, de-Lascaris xandar ghakda ta ligijet ġodda, li, scond id-drauua ta dac iz-zmien, chienet tħauuad flimchien ħuejjeġ ta drittijet tal pajjiz, ta drittijet fiċ-Civil, ta drittijet fil Crimnal, fuk it-tmexxija ta li stess ligi u fuk il Polizìa. Hareġ ucoll ligijet oħra ghalihom : u, fosthom, dic li dehret fil 25 ta mejju 1644, fejn il Grammastru, billi chienet imdaħħla li stampa f'din il Gzira u Pompeu del-Fiore chien fetaħ l'euuel stamperìa, biex ighin din l'opra, mar jordna li min igib, sa ghaxar snin, xi cotba minn barra, jeħel piena ta flus u jitlef dauc il cotba.

De-Lascaris, uara li saltan 21 sena, miet fl'14 t'auuissu tal 1657.

*48.* ***Martin de-Redin*** *(mis-sena 1657 sas-sena 1660).*—Tliet ti jem uara il meut ta de-Lascaris, tlaħ-ħak Grammastru Martin de-Redin, Cavalier Aragunż li, dic il ħabta, chien Vici-Re ta Skallija : u bida jiġ-gverna fil 10 ta settembru.

Is-Saltna kasira tighu ghaddiet minghajr guerer, minghajr biza ta saràr mal ghedeuua u minghajr ghacs fil ħajja : anzi, chien haun cotra cbira ta ħuejjeġ tal ichel u chellhom izidu il fosos tal kamħ.

Uieħed mil ħsiebijet il cbar ta de-Redin chien li jibda iħares aħjar ix-xtut tal Gzira, fejn il ghases ta bil-lejl, biex jinducrau li l'eghdeuua ma jinzlux l'art, chienu jaghmluhom il bdieua : u, billi l'imsejcnin chienu icunu ghajjena bix-xoghol tal ġurnata, ma



GUŻÈ CASSAR PULLICINO BEQUEST
UNIVERSITY OF MALTA
LIBRARY SERVICES
GCPUL 508575

chienux jaghmluhom tajjeb. Biex jakta din iz-zarda, de-Redin, f'inkas minn sena, bina erbatax il torri ma duar il Gzira u kighed zeuġ canuni f'cull uieħed, li geu mitlukin f'idejn ghases imħalsin bil gimgha.

Fil bidu tas-sena 1660, spiċċat il guerra li chien hemm bejn Spanja u Franza u li chienet tħasseb uisk l'Ordni, biex jara chif jaghmel u ma izomm ma ħadd, bħalma chienet tghid il ligi tighu : imma it-tuajjeb de-Redin, li telak ghad-dinja l'oħra fis-6 ta frar ta dic li stess sena, ftit laħak gauda il gid tal paci.

Uarajħ chellna l'Annettu de-Clermont, li sar fis-6 ta frar u miet fit-2 ta lulju 1660 ; u ir-Rafel Cottoner, li sar fl'4 ta lulju 1660 u miet fil 20 t'ottubru 1663.

*49. Nicola Cottoner ( mis-sena 1663 sas-sena 1680 ).*—Nicola Cottoner, ħu Rafel, ragel zorr u tarrekka, scond chif chien iħobb ighid hu stess, ma chien iridu ħadd u taħ il vot cull-ħadd. Bida isaltan fit-23 t'ottubru 1663 : imma ghoġob lil ftit, gherrex il ħafna u min-nies tighu chellu zeghil faċċol, mhux imħabba.

Chien ragel tal ħila fil ghamil tighu : u chien hu li, bil ghajnuna tal Inginjer Valperga, mibghut lilu mid-Duca ta Savoja, talla dac ix-xoghol cbir u jebes tas-suar imdaurin bħal nofs circu mal gholjet ta Santa Margarita u imsemmijin ghaliħ *il Cottoniera* ; chien hu li uassa it-truncieri maħzuzin minn Floriani u mil Patri Macolanu ; chien hu li uitta il mol tal port il cbir u fetaħ scola ghat-Tobba (18).

---

(18) L'euuel Professur ta din li Scola chien it-Tabib Giuseppi Zammit, li ħalla il *Gnien botànicu*, biex fiħ jitghallmu it-Tobba.

Biex isiru daun ix-xoghlijet, Cottoner chien gieb is-sensja minn ghand il Papa Clement Ghaxra li jista jaghmel taxxa fuk il bini, ghalavolja tal Cnisja: u, imbaghd, dic it-taxxa tbiddlet f'daziu fuk il cafè, fuk iz-zambur, fuk is-sapun, fuk il kroll, fuk it-tabacc u fuk il carti tal loghob.

Fi zmien dan il Grammastru, saret ucoll il fortizza tar-*Ricasli*, li giet mibnija fuk id disinn tal imfaħħar Valperga u issemmiet ghall Ballìju Frangiscu Ricàsoli, ghax ghaliha ħareġ tletin elf scut minn butu u neħħa minn ħuejġu tliet telef scut renta fis-sena.

Cottoner, haun Malta, ma chellux guerer: imma baghat ħames-mit Suldat Malti u tmenin Cavalier, fuk ix-xuieni tal Ordni, biex ighinu ir-Re ta Franza, Uigi Erbatax, li ried jicseb xi art fix-xtut tal Argiel, ħalli irazzan ir-riħ li chienu ħadu il furbani barbrin, billi jiftaħ port fejn icunu jistghu iuarbu il bastimenti francisi: baghat ucoll erba-mit Suldat Malti u tnejn-u-sittin Cavalier, biex, imsieħbin mal Veneziani, jeħduha mat-Toroc, fl'art ta Candia; u, fil guerra ta Tripli, mhux biss laka il bastimenti inglizi fil port taghna, imma kabez ghalihom.

Intebaħ li chienet tinħtieġ tibdila cbira fil ligijet u digià chien ghakkad Cumitat biex jaħseb fiha: imma, fis-26 t'april 1680, giet il meut fuku kabel ma laħak compliha.

Jinghad li, ma ħruġ is-sena 1675, fi zmien ta sitt xhur, mietu ħdax il elf ruħ bil pesta.

*50.* **Ghirgor Caraffa** (*mis-sena 1680 sas-sena 1690*).—It-tibdil tal ligijet, li chellu ħsieb jaghmel Nicola Cottoner, complieħ Ghirgor Caraffa, 'mtalla f'locu fit-2 ta mejju 1680.

Il ligijet ta Caraffa, li ħarġu fit-12 ta settembru 1681, ma chienux imkassmin tajjeb : imma dan actarx chien gej miz-zmien li saru fiħ inchella minn dauc li ghamluhom. Barra xi ħuejjeġ li imissu il Polizìa, chienu ighidu x'in hu il jedd u x'in hu id-dmir tan-nies tal Gvern, chif jitrazznu il ħtijet li jiġru l'izjed spiss u chif jitmexxeu il cauzi.

Fis-sena 1684, billi l'Austria, il Polonia u Venezia chienu issieħbu contra it-Toroc, biex jeħdulhom il Morea, daħal maħħom l'Ordni ucoll u baghat ix-xuieni tighu, b'disa-mit Suldat u mit Cavalier fukhom. Tliet snin uara, il Maltin chienu fit-takbida ta Castelnovu u sueu bil-bosta : imma, mita ix-xuieni tal imsieħbin riedu jimbloccau in-Negrupont, chellhom jerġghu l'ura, uara li tilfu l'aħjar nies taħħom; u, fost l'oħrajn, erba-mit Malti u ħamsa-u-ghoxrin Cavalier.

Caraffa, micdud minn deni chiefer, miet fil 21 ta lulju 1690 : u tħassru il Poplu collu, ghax chien miġbud lejħ imħabba l'imgieba ħelua tighu.

*51.* **Adrianu de Wignacourt** *( mis-sena 1690 sas-sena 1697).*—Fl'24 ta lulju 1690, f'loc Ghirgor Caraffa, tala Adrianu de-Wignacourt, nepputi tal Grammastru li chellna b'li stess cunjom.

Bida is-Saltna tighu b'uirja ta carità cbira, ghax ghin ir-romol u il 'ltiema tal Maltin li chienu mietu fil guerer tal Ordni, fi zmien il Grammastru ta kablu.

Fis-sena 1693, sar terrimot li ghamel ħsarat cbar, seuua fi Skallija, fejn uakka ftit inkas minn nofs il belt t'Augusta, u seuua haun Malta, fejn, fost ħafna bini iħor, ġarraf il Catidral : imma Wignacourt, chif ghin il Maltin, hecc ucoll baghat ighin in-nies t'Augusta.

Chien hu li bina tarzna, biex jinħadmu ix-xuieni fiha; u talla 'mħazen, biex icun hemm fejn jirtafa il munizion.

Imma il Caxxa tal Ordni chienet tiflaħ in-nefka ta dauc ix-xoghlijet u ta dic il ghajnuna, ghax il Papa Innucenziu Tnax, barra milli chien ghadu chemm ħeles il bini tal Cunvent mit-taxxa li riedu ighabbuħ biha il Ministri tighu, chien dauuar ucoll ir-Re ta Franza u id-Duca ta Savoja biex jeħelsu minn cull ħlas dac il bini; u, mita naksu ir-rsiera, baghat ħafna furzati minn tighu haun Malta, biex jaħdmu f'lochom bl'imkadef. Chien hu li raġa ħabbeb l'Ordni mal Gvern ta Genua: u, b'din il biċċa, compla cattar ir-renti tal Cunvent, ghax bosta Nobbli minn dic il belt setghu isiru Cavalieri ta Malta.

Adrianu de-Wignacourt miet fl'4 ta frar 1697.

52. *Raimondu Perellos* (*mis sena 1697 sas-sena 1720*).—Raimondu Perellos, mil *lingua* t'Aragona, giè maghmul Grammastru fis-7 ta frar 1697 u issocta iħarbat id-drittijet u il privileggi tal *Università*, ghax fil Consill tal Poplu, barra mis-Siniscalc, li chien jaghmilha ta President, daħħal uieħed mill'Audituri, jigifieri mil Ministri il cbar tighu, biex jakbez f'cullma imiss is-setgha tal Grammastru u it-tmexxija tal Hakk (19). Imma Perellos ta min ifaħħru fuk chemm

(19) Scond il ligi li ħareġ is-Sultan Mànoel fis-sena 1723, uieħed mill'Audituri chellu jidħol fil Consill tal Poplu u jati il vot tighu uara cull ħadd; u, scond ligi oħra li ghamel is-Sultan De-Rohan fis-sena 1784, l'Avucat tal *Università* chellu icun uieħed mill'Audituri jeu xi ħadd iħor maghzul mil Grammastru.

siua ghall Cummerċ, l'euuel bil bini ta 'mħazen gharrfiħ tal mercanziji u imbaghd uisk actar bil ligijet tal Cummercianti, li ħareġ fl'4 ta settembru 1697, taħt l'isem ta *Korti tal baħar*.

Perellos cattar il flotta u giebha ghall'aħjar. Tarġa, Innocenziu Tnax, li baka dejjem iħobb l'Ordni, raddlu chemm renti tal Cavalieri chienu ghamlu ħaġ'oħra bihom il Papiet ta kablu. U, seuua-seu chif chienu ħasbu il Grammastri l'oħra tan-nazzion tighu, ħaseb biex il Gzira icollha il kmuħ bil-cotra.

Chemm dàm isaltan hu, raġa chibes izjed il ghelt ta bejn l'Iskof, bejn l'Inquisitur u bejn il Grammastru fuk is-setgha taħħom: u, minn xi dakkiet, chien ghelt fieraħ. Imma 'ndaħal Innocenziu, li kassam tajjeb id-drittijet ta cull uieħed minnhom u seuuihom.

Frattant, mit-22 sal 24 t'april 1703, l'Iskof David Coccu-Palmier ghamel l'aħħar *Sìnodu diocesàn* (l) li sar Malta.

Raimondu Perellos, uara li dàm tliet snin b'moħħu mitluf, miet fil 20 ta jannar 1720 (m).

*53.* ***Marcantoniu Zondadari*** *( mis-sena 1720 sas-sena 1722)*. —Jumejn uara il meut ta Perellos, is-Saltna 'ntaghtat lil Marcantoniu Zondadari, mil *lingua* tal Italia.

---

(l) *Sìnodu diocesàn* jigifieri lakgha li fiha l'Iskof u Cbarat oħra tal Cleru jaghmlu il ligijet tal Cnisja taħħom.—G. M. A.

(m) Perellos ħallielna l'*Arazzi* ta San Ġuan: dic it-tapezzerìa li m'haunx isbaħ minnha fl'Europa u li suietlu erbghin elf scut. Saret il Belgiu, mil fàbrica De Vos.—G. M. A.

Ma riedx jeħu il giurament li ghandu iħares id-drittijet, id-drauuiet u il privileggi tal pajjiz, bħalma chienu ħadu is-Slaten l'oħra: u, imħabba dan, x'uħud ħasbu li ried mill'euuel jaghmel ta rasu. Imma oħrajn dehrilhom li chienet rekka tal cunxenza tighu: u actar dehrilhom seuua, ghax Zondadari uira-ruħu miġbud lejn il Poplu; u actarx chien iroddlu il privileggi li chellu, chiecu is-Saltna tighu ma sfatx kasira uisk u il Cavalieri ta ma duaru ħalleuħ jaghmlu.

Miet fis-16 ta ġunju 1722.

*54. Antoniu Mànoel de-Vilhena (mis-sena 1722 sas-sena 1736).*—Fi zmien dan il Grammastru, li sar f'loc Zondadari fid-19 ta ġunju 1722, il Gvern tal Ordni giet dalma fuku. Alì, li chien ghadu chemm infida mil jasar tal Ordni, gharraf lill Gran-Vizìr li Malta chien haun irsiera toroc daks chemm chien haun nies oħra; u li, jecc tidher dehra il flotta taħ-ħom, tkum reuuixta li ma tmurx fil fieraħ. Imma il Grammastru, li chien sama bil confoffa, hejja-ruħu biex jindocra il Gzira tajjeb mil ghedeuua; u l'Armi-rall Abdì, mita deher tas-seu bil flotta tighu, chellu jiccuntenta li jitfa ftit balal u taparsi jibghat ihed-ded il Vilhena li, chemm il darba ma jitlakx ir-rsiera toroc collha, il Gran-Sinjur jiccastigaħ bl'aħrax. Il Grammastru, b'fomm il Marchis de-Bonnac, li chien Ambaxxatur ta Franza fil belt ta Costantinopli, ba-ghat ighid lis-Sultan tat-Toroc biex jaghmlu bidla tar-rsiera li chellhom minn ta xulxin jeu jifdi tighu bi ħlas ta flus: u il Gran-Sinjur mhux biss uiegeb iva, imma ried li bejnu u bejn l'Ordni issir ir-rabta tal paci. Vilhena, f'loc il paci, xtiek li tiekaf ghal zmien tuil, scond ma jiftehmu, il guerra ta bejniet

hom: u is-Sultan tat-Toroc, chiecu ma chienux il Cbarat tax-xuieni tighu, li bakghu izommu jebes, chien jokghod ghaliha.

Vilhena bina fil gzira ta Marsamxett dic il fortizza li bakghet imsemmija ghalih *Forti-Mànoel* u li chienet imtellgha bid-dehen tal Cavalier Mondion; bejn is-suar tal Belt u l'oħra maħzuzin minn Floriani, bida dac il bini li sar jissejjaħ *il Floriana*, fejn ghamel id-*Dar tax-Xebbiet fokra* u li *Sptar tal Incurabbli*; u geuua il Belt uakkaf l'euuel teatru (*Mànoel*).

Billi, mindu laħak Sultan, chif kal hu stess, chien dejjem bi ħsiebu fil ligi, tà l'ordni li jitkallbu il ligijet ta kabel, biex jitħassru iz-zejda jeu fierha u f'lochom isiru oħrajn ġodda, scond ma chienu jitolbu iz-zmenijet; bħalma, 'mbaghd, ħarget dic il ghakda taħ-ħom, li giet imxandra il Belt fil 15 ta novembru 1723, l'Imdina fis-6 ta dicembru ta dic is-sena u Ghaudex sitt ti jem uara. Il ligijet ta Mànoel, xejn inkas im-ħabblin minn ta Caraffa, imissu id-drittijet ta geuua il pajjiz, id-drittijet taċ-Civil, id-drittijet tal Crimnal, id-drittijet tal Hakk u id-drittijet tal Polizìa.

Ghad li Mànoel chien biggel il ħlasijet tad-duana, il Poplu chien ghadu ma ħelesx mit-taxxi fi zmienu: imma ix-xoghlijet tal bzonn li chien kankal u compla, il cotra tal ħuejjeġ tal ichel li chien haun u ir-roħs tal ħajja chienu ipattu biz-zejjed.

Dan il Grammastru, maħbub u stmat mil Maltin, miet fit-12 ta dicembru 1736.

*55.* ***Raimondu Despuig*** (*mis-sena 1736 sas-sena 1741*).—Fis-16 ta dicembru 1736, giè maghzul ghal Grammastru, il Balliju ta Majorca Raimondu Despuig, li chien imsemmi ghar-rġulitu.

Mghobbi bis-snin u mghacches bil mard, fiz-zmien kasir li gauda is-Saltna, ma gedded xejn fil Gvern u fil ligi tal pajjiz: imma gharaf jeħles l'ibħra tal 'Lvant mil furbani li chienu jiggereu fihom, kata chif ghandhom jimxu uara xulxin il familiji tan-Nobbli scond in-nisel tan-Nobbiltà taħħom u ġabar il munita tal fidda tas-Slaten ta kablu, biex ħareġ oħra li chienet tizen inkas: imma fuk dan il kerk actar uaħħlu firrebgha ta uieħed mil Cbarat tighu inchella fiħ.

Temm ħajtu fil 15 ta jannar 1741.

*56. Manuèl Pintu (mis-sena 1741 sas-sena 1773).*— Fit-18 ta jannar 1741, f'loc Despuig, laħak Manuèl Pintu de-Fonçeca, Portughiz, li chien ilu Malta minn ċcunitu u il Maltin actar chienu izommuħ bħal pajzan jeu bħal frustier.

Billi ghakkad flimchien l'*Altezza* li chienu kalghu il Grammastri minn ghand it-Tieni Ferdinandu u l'*Eminenza* li chien tahom f'locha il Papa Urbanu Tmienja, Pintu ghajjat lilu in-nifsu *Altezza eminentissima*, chif ucoll ried li jigi 'msejjaħ *Princep ta Malta*. L'ebda Sultan ma sab x'ighid fuk daun l'ismijet: imma Carlu Borbone, Re ta Napli, ried iuettak, fi zmien Pintu, il jedd ta Sid-cull-ħadd li chellu fuk il gzejjer ta Malta u Ghaudex, scond chif geu moghtija lis-Slaten fl'14 ta marzu 1530; u is-setgha ta *Legàt-Apostòlicu* taħħom, li chienet intaghtat lill Conti Ruggieru mil Papa Urbanu Tnejn. Pintu zamm jebes lir-Re ta Napli: u nibet ghelt bejniethom, li spiċċa biex ġaghal ir-Re iuakkaf il Cummerċ ta din il Gzira mas-Saltna tighu u izomm ir-renti li chellu l'Ordni f'Napli u fi Skallija. Imbaghd, indaħal il Papa Benedittu Erbatax: u Carlu raġa ħalliena niccummerciau

mal portijet tighu, ħeles ir-renti tal Cavalieri li chien zamm u gedded il ftehim collu tal paci: imma bil patt li jibkghu sħaħ ghaliħ u ghall uerrieta collha tighu id-drittijet gejjin mill'antic fuk il Gzira u fuk il Cnisja ta Malta.

Fi zmien Pintu, ir-riħ li Franza chienet kieghda tieħu fuk l'Ordni u il ħbiberija li chellha mat-Turchìa uakkfu il flotta ta Malta mil giri fl'ibħra tal 'Lvant ghall prejjez.

Dic il ħabta, geuua il Gzira chienet sejra issir taktigha cbira. Fis-sena 1749, Mustafà, Baxa ta Rodi, li chien uaka fi guerra prigiunier tal Cavalieri, ghad li chien mizmum minnhom tajjeb u migiub chif chien jixraklu, niseġ confoffa mar-rsiera li chien haun: u, fid-29 ta ġunju, chellha tkum ir-reuuixta, taħt il cmand tighu. Joktlu il Grammastru, ikattghu chemm Cavalieri u Maltin jilħku u jeħdu il bliet taħt idejhom, flimchien mal fortizzi ta *Sant'Jermu* u ta *Sant'Anġlu*, sa chemm tasal il ghajnuna li chienu jistenneu minn Costantinopli u minn Barberìa: dan chien il ħsieb chiefer taħħom! Imma ix-xorti riedet li dic il confoffa inchixfet u sfat fix-xejn. Frattant, 38 irsir mill'izjed ħatia geu iccundannati ghall meut: imma il Baxa, billi kabzet ghaliħ Franza, li chienet saret tista collox, minn fuk li ħelsuħ mil killa tal Poplu, ħalleuħ ucoll isiefer.

Dan is-Sultan ghamel bosta opri li chienu jinħtieġu: u, fost l'oħrajn, l'Università tat-Taghlim, li ħallielha ħafna bini—il biċċa il cbira tighu dac stess li Verdale chien tà lill Gizuiti u li Pintu chien raġa ħadilhom mita baghathom minn Malta. Talla ucoll palazz ghall krati.

Imma, b'dan collu, billi ma chienx irid jarfa il ħsieb ta dac li jista jiġri, chif ucoll billi chien jaħli bla dehen il flus tal Gvern u chien jagħmel cullma jitlagħlu f'moħħu, il Cavalieri u il Poplu chienu saru ma jaħmluħx: u, mita tħabbret il meut tighu, li ġrat fit-23 ta jannar 1773, ħadd minnhom ma bchieħ.

57. ***Fraugiscu Ximenes*** (*mis sena 1773 sas sena 1775*).—L'actar migiub, fost dauc li chienu 'msemmija biex jilħku f'loc Pintu, chien Frangiscu Ximenes de-Texada, mil *lingua* ta Spanja: u fiħ chien hemm it-tàma li ikalleb il Gvern għall'aħjar tal Poplu. Giè magħzul fit-28 ta jannar 1773.

Imma il ħafna postijet ta nies mal Gvern li tneħħeu għal collox, it-tnakkis li sar fil ħlas tal oħrajn, is-sensja tal caċċa li bdiet tinzamm lil x'uħud, il għoli tal kmuħ li gieb għacs cbir mighu u il ħruxija li daħlet f'dakka u cull imchien, magħkudin mal cburija u mal imgieba ħazina li bihom Ximenes chien iħallas cull għamil tajjeb mighu, malajr katgħu dac il jes li chien tnissel fiħ.

Fi zmien Pintu, Sultan mibgħud minn cull ħadd, digià chienet ingħakdet confoffa ta nies, li chellhom ħsieb iduru għall Gvern u iġagħluħ ikalleb collox, l'actar biex jiġu 'mħarsin seuua id-drittijet u il privileggi tal Gzira: u, fis-sena 1772, chienu bdeu il gemgħat tal imxeuxin, li 'mbagħd ma 'ltakgħux actar, għax Mannarinu, li chien Kassis, berred il klub bittàma li collox jisseuua f'kasir zmien. Forsi, Mannarinu chellu moħħu mimli b'Ximenes de-Texada.

Izda hu stess, mita kata kalbu minnu għal collox, ried idaħħal fl'aħjar irius tal Poplu li ma jirnexxilhom jakalgħu xejn *jecc ma jaħbtux għall Gvern*; Kassisin

oħra u x'uħud mil Poplu chienu ucoll tal fehma tighu; u kamet dic ir-reuuixta ta bla deħen li bakghet imsemmija *ir-rvell tal Kassisin.*

Ma tul il lejl tat-8 ta settembru 1775, x'uħud mill'imxeuxa daħlu b'imfietaħ foloz fit-torri ta *San Ġacbu;* u oħrajn, taħt il cmand ta Mannarinu, li chien bil-kaddis mal ghassa, ħadu f'idejhom il *Sant'Jermu.* Imma, chif sebaħ l'aghda, ħareġ l'ordni li jissaccru il buieb tal Belt, jizdiedu il ghases tal Palazz u is Suldati irazznu bl'armi l'irvellati. Il Balliju d'Honneville, li chien Captan tal ghases, telak, b'mit ruħ mighu, ghat-torri ta *San Ġacbu,* fejn irnexxielu jidħol minghajr ma saret ebda takbida; u dauc ta geuua *Sant'Jermu* riedu ucoll iciedu, imma bil patt li lilhom ma jaghmlulhom xejn, li jiġu 'mħarsin il privileggi moghtija lill Gzira mis-Slaten t'Aragona u ta Skallija u li jitraħħas il kamħ. Dac in-nhar stess, ħareġ Degriet li uighed il maħfra tal imxeuxin u it-tuettik tal privileggi, *ghal chemm*—chien issocta ighid id-Degriet—*il Grammastru u il Consill tal Ordni jidhrilhom li katt ma geu mimsusa.* Ghal dac li hu roħs tal kamħ, intkal li ma jistax isir kabel ma uieħed jara x'ighidu il Giurati tal *Università:* imma chellhom icunu mistoksija bla telf ta zmien.

Frattant, inġabar il Consill tal Ordni, biex il Cavalieri jarau ghandhomx jokoghdu ghall maħfra li chienu ueghdu lill'imxeuxin: u, billi ma chienux ta fehma uaħda, inħtar Cumitat biex jizen il biċċa. Il Cumitat baghat l'irvellati kuddiem il Korti: imma, billi Ximenes marad u miet fid-9 ta novembru ta dic is-sena, il Hakk ma tcompliex. Ma-dan-collu, Man-

narinu baka calzrat sa chemm inkered l'Ordni minn Malta.

58. ***Manuèl de Rohan*** (*mis-sena 1775 sas-sena 1797*).—Id-demm imsemmi li chien gej minnu, il ħajja ta ragel li chien għàx dejjem, l'imgieba tajba li chien uira cull fejn chien imdaħħal u iz-zmien tuil li chien ilu haun Malta, chienu dauc li uasslu fis-Saltna il Balliju Manuèl de-Rohan, mil *lingua* ta Franza.

Laħak fit-12 ta novembru 1775 u zanzan is-setgħa tigħu b'egħmejjel ta ħniena u ta tjubija, għax ħeles dauc li chienu calzrati fuk għelt u fuk djun mal Gvern, raġa gieb dauc li chienu maħrubin minn fuk ix-xuieni u ħafrilhom il puieni li chienu 'muaħħlin, tà carità cbira lill fokra. F'li stess zmien, ħabrec biex inakkas chemm jista, jecc mhux ucoll biex jekred għal collox, dic il bruda ta barra mit-triek li chienet bakgħet izzomm il Cavalieri mifruda mil Maltin: bruda li chienet iggib il biċċa il cbira ta chemm tagħuiġ chien jiġri. Kala is-sensja minn għand il Papa Piu Sitta biex jitbiggel il jedd tal Cnejjes li ma jistax jinkabad mil Polizìa min iuarrab geuua fihom u l'iħor tal Chièrici li ħadd ma jista imedd idejħ fukhom. U, fl'aħħar nett, mhux biss uettak l'Università tat-Tagħlim li chien ħalla Pintu, imma zidilha li schejjel u ir-renti.

Fuk collox, imbagħd, de-Rohan baka jissemma għal dic il għakda tal ligijet li ħadet l'isem tigħu (*Còdici de Rohan*). Tas-seu li din il għakda tal ligijet, fejn messet id-dmirijet ta mal Gvern, f'loc li seuuiet, għarrket izjed id-drittijet tal Maltin: imma giebitna bil-uisk il kuddiem fuk id-dmirijet ta bejnietna, billi

zammet id-drauuiet u l'eghmejjel tal pajjiz; chif ucoll mexxietna tajjeb fuk it-tisuijet tal ligi li Frrnza u l'Italia chienu ghamlu f'dac is-seclu u f'ta kablu. Din il ghakda tal ligijet ħarget fis-17 ta lulju u bdiet tmexxi il Hakk fl'euuel ta settembru 1784.

De-Rohan dàm isaltan: imma l'aħħar snin tighu xejn ma ħarġu jixbħu lil tal euuel, ghax, billi f'settembru tal 1792 l'Ordni tneħħa minn Franza ghal collox u tista tghid li cull art fejn chellu ir-renti chienet bil guerra, il Caxxa tighu ftakret (20). Imħabba f'hecc, l'Ordni chellu jissellef flejjes cbar minn Malta u minn barra: u, fis-sena 1796, mita ma sabx min jafdaħ actar, chien tant marsus li deuueb il fided taġ-ġfien u tax-xuieni, flimchien ma fided oħra minn tal Grammastru u ta li Sptar, biex jaghmilhom munita. Barra minn dan, il Gzira naksuha il ħuejjeġ tal ichel, il Cummerċ taħħa rakad u ixxoghlijet ġodda li riedu jindrau ma 'rnexxeux.

L'Ordni ħass il bzonn li jibda jitħabbeb ma xi nazzionijet oħra; u, fis-snin 1793 u 1794, il Castellàn digià chien ħareġ bandu, fejn il Grammastru, biex iħajjar ix-xuieni inglizi jeħdu il baħrin minn din il Gzira, hedded bi tliet snin ħabs il dauc li jaharbu minn fukhom u libbes l'Imħallfin bis-setgha li jiccundannauhom malajr.

---

(20) Ghall'euuel, il Caxxa tal Ordni ma chellhiex ghajr taxxi fuk ir-renti tal Cavalieri: imma, 'mbaghd, bdiet iddaħħal bosta drittijet oħra; u daun it-tlieta chienu l'akua fosthom: a) sena u nofs renta ta cull Cavalierat li jitbattal—b) ħuejjeġ il Cavalieri collha li imutu uara li icunu ghamlu il professioni—c) u il flus li chien irid iħallas cull min jidħol fl'Ordni.

Tarġa, billi ma riedx jitlef il bini tal Polonia, li chien igib mija-u-ghoxrin-elf fiorin renta, l'Ordni raġa bida jindehes mar-Russia. It-Tieni Catarina sgurat il Grammastru li ħuejjeġ il Cunvent ma jiġux mimsusa: u l'Euuel Paulu, li laħak uarajha fis-sena 1796, mhux biss uettak dac li chienet ghamlet Ommu, izda uighed li jati minn butu mija-u-tmenin-elf fiorin—bħalma tà u maz-zmien cattar—biex isir il Gran-Piriulat tar-Russia. Saħansitra ħabat icun il ftehim mal Papa, biex jarau isibux it-triek li ir-Russi Xismàtici icunu jistghu jidħlu fl'Ordni u isiru Cavalieri ta Malta.

Imma din l'imgieba naffret il Franza u il Spanja, minghajr ma ħjet l'Ordni, anzi fittxet uakkghetu izjed: ħaġa li de-Rohan intebaħ biha, ghax kalbu chienet ħabbritu, mita, fis-sigha tal meut tighu, bida jitchellem fuk min jilħak f'locu u kal: " Mil bkija, tal Ordni cbir u bla bzonn ta ħadd, jen l'aħħar Grammastru. " U daun chienu l' aħħar chelmiet tas-Sultan li ghamel tant gid lill Malta: temm ħajtu fit-13 ta lulju 1797.

59. *Ferdinandu de Hompesch (mis sena 1797 sas-sena 1798)*.—Fis-17 ta lulju 1797, kalb dan il hemm collu, giè maghzul l'aħħar uieħed fost dauc li gaudeu il Gzira moghtija minn Carlu Hamsa.

Ferdinandu de-Hompesch chien ghadu tfajjel mita giè Malta bħala Paġġ tas-Sultan Pintu. Imma ghola f'kasir zmien, laħak Gran-Cruċ u mar Vienna, fejn dàm ħamsa-u-ghoxrin sena Ministru tal Ordni. Minn hemm giè Cap tal *lingua* ta Baviera. Ragel seuua, bla kerk u bla cburija fil ghamil tighu, il Maltin chienu miġbudin lejh: u, mita laħak Sultan, gha-

mlulu festa cbira. Imma u la chellu dehen u inkas il ħila li chien jaħtieġ biex isaltan f'dauc iz-zmenijet coroħ ghall Gzira u ghall'Ordni.

Hompesch ħareġ xi ligijet, il biċċa il cbira fuk il Polizìa. Sa chemm chellu min jatiħ id-daul, ġabar mighu l'aħjar Cbarat u chien imfaħħar minn cull-ħadd: izda, malli ghajnu ghocritu min-nies ta ma duaru, bida jakta minn znietu u chixef 'iċ-ċocon tal ħiġġa tighu.

Frattant, collox chien sejjer ghall'aghar: mil banda il uaħda, il Cummerċ u is-snajja dejjem nezlin fix-xejn, in-nies ta mal Gvern imħallsin bl'ura, il postijet li jitbattlu ma jintleux izjed, il ħuejjeġ tal ichel scarsi, cull fejn tħares tara il fakar u id-dieka joctru fil Gzira; u, mil banda l'oħra, Bonaparti, li, billi chien irid ibiddel f'baħar francis il Mediterràn collu, digià chellu il ħsieb imidd idejħ fuk Malta—fil uakt li dac il ftehim mar-Russia, mghoddi ucoll minn Hompesch, compla ħasseb ħazin il Franza.

Chif saret il fehma li jittieħed l'Egittu, Bonaparti telak minn Tolùn bi flotta kauuija: u, fid-9 ta ġunju 1798, deher bisujt il port ta Malta, fejn talab is-sensja li jidħol biġ-ġfien tighu, biex jeħu l'ilma. Haun Hompesch, billi baza li jigi 'mkarrak, ġama il Consill tal Ordni: u dan kata li ma jidħlux iġ-ġfien f'dakka, imma jersku erbgha cull darba, sa chemm jehdu collha dac li jonkoshom (21).

(21) Tas-seu li chien hemm Degriet tal Consill, fejn chien maktuħ li fil port ta Malta, biex ma izomm ma ħadd, scond il ftehim ta Utrecht, ma ghandhomx jiġu milkugha f'dakka izjed minn erba ti ġfien ta nazzion li tinsab fi guerra: imma il biċċa tad-9 ta ġunju chienet xort'oħra u messha tcun maħsuba aħjar.

Bonaparti ħa dauc il pattijet b'risposta ħazina: u l'aghda nizzel in-nies l'art, seuua Ghaudex u seuua f'xi xtut ta Malta.

Imma il Gzira ma chienetx mhejjia ghall guerra: u l'Ordni ma sataX izomm jebes lill Francisi ħlief ghal ftit zmien u b'saħħa zghira. L'Imdina cediet, uarajha cieda Ghaudex; u l'eghdeuua digià chienu reskin ghall Belt. Imma ir-rius il cbar ta Malta 'mbezzgha li jiġu 'mdaurin bin-nar tal canuni u sguri li ghal xejn jaħbtu jiddifendu-ruħħom, baghtu Cumitat biex idauuar il Grammastru u il Cavalieri li jitolbu it-tuakkif tat-takbida, sa chemm icunu jafu ghax inbdiet dic il guerra; u, fil 11 ta ġunju, sar il ftehim li tiekaf il battalja ghal erba-u-ghoxrin sigha, bil patt li fihom l'Ordni ghandu jibghat min jara chif sejjer iciedi l'armi lill Bonaparti.

Dac in-nhar stess, ma tul il lejl, in-nies mibughta mill'Ordni (22) marru fuk il gifen tal Armirall, fejn chien jinsab Bonaparti: u, sbiħ l'aghda, tnax ta ġunju, nizzlu isimhom taħt il pattijet li cedeu bihom. Fost daun il pattijet, tlieta chienu imissu il Gzira ghal collox: —

l'euuel uieħed, li biħ l'Ordni cieda lill Gvern francis il gzejjer ta Malta, Ghaudex u Chemmuna,

---

(22) In-nies mibughta chienu daun: il Baruni Mariu Testaferrata, l' Avucati Ġannicol Muscat u Benedett Xchembri, il Consilier Bonanni, il Cmandatur Rosredon Ransijat, il Ballijiu Frisari, bħala Ministru tar-Re ta Skallija mal Ordni, u il Cavalier De-Amat, bħala Ministru tar-Re ta Spanja. Ma daun, Hompesch chien baghat ucoll is-Sur Uiġ Doublet, Cap tas-Segreterìa, biex jakbizlu ghall'interessi ti-

chif ucoll naza mid-drittijet ta cmand u ta sid li chellu fihom, biex libbishom lil dac il Gvern;

is-seba uieħed, fejn giè sgurat lin-nies tal Gzejjer li jistghu jibkghu jaghmlu ir-religion taħħom, li ħuejjiġhom u il privileggi taħħom ma icunux mimsusa u li jiġu meħlusa minn cull ħlas barrani;

it-tmien uieħed, li saħħaħ u ħalla miexi cullma chien sar ghall Pajjiz mil Gvern tal Ordni.

Il pattijet l'oħra chienu fuk il Grammastru u fuk il Cavalieri.

Din il ghatja tal Gzejjer ħabblet u ghalliet in-nies tar-rħula: imma tal bliet, billi mil banda il uaħda chienu jafu li l'Ordni ma chienx jista itauual izjed il ħajja fierha tighu u mil banda l'oħra chienu sejrin jeħilsu mir-riħ li chienu ħadu fukhom il Cavalieri, ma ghamluhiex bi cbira.

Fis-17 ta li stess xahar, uara li chien uettak il ghatja tal Gzira u tilifha ghal dejjem, bla gieħ u bla guerra, Hompesch siefer ghall Triesti, fejn miet fit-12 ta mejju 1805.

*60. Il Militar.*—Il ħacma tajba u it-taksim tat-truppi chienu fl'Ordni ħuejjeġ mill'izjed imħittxa:

---

ghu. Imma is-Sur Doublet ma nizzelx ismu taħt il pattijet tal ghatja, ghax gharaf jeħles billi kal li ma chellux libsa biex jaghmlu: u, imbaghd, tà parir lill Grammastru li ma ighaddihomx. Il Balliju Frisari nizzel ismu b'daun il chelmiet mighu: *Jibka shiħ il jedd ta Sid-cull-ħadd, li ghandu ir-Re tighi bħala Sultan ta Skallija:* u dan ghamlu ghax il chitba tal 24 ta marzu 1530, li biha il Gzejjer chienu intaghtau lill Cavalieri, chienet tghid li l'Ordni ma jistax icedihom lil ħadd iħor.

u ghal hecc il ligijet ta Manòel, fil cap ħamsa-u-ghoxrin, jitchellmu fuk il Militar bir-rekka collha.

Cull ħadd chien jaħtieġlu iservi ta Suldat, mis-sittax sas-sittin sena.

L'armata tal art chien fiha Suldati fuk sakajhom u oħrajn fuk iz-zuiemel (*Fanterìa* u *Càvlerìa*).

Il Fanterìa chellha:

1. is-sitt riġmenti tar-rħula, bi tnax il cumpanija il uieħed u cull cumpanija taħt idejn Cavalier tal Ordni, li chien jissejjaħ Corunell;

2. il cumpanija tal Imdina u ħad-Dingli, taħt idejn il Captan tal Virga, b'li stess isem ta Corunell;

3. ir-riġment tal Belt Valletta, taħt idejn il *Mastru-di-casa* tal Grammastru, bl'isem ta Mghallem tal Camp;

4. il cumpanija tal kaddejja tal Grammastru u tan-nies tal Cunvent, taħt idejn is-*Sotta-Mastru-di-casa* tas-Sultan, bl'isem ta Captan;

5. il cumpanija tal Chistlanija, li chienet maghmula bil lauriati collha, bin-nutari, b'li scrivani u bin-nies tal Krati, taħt idejn il Castellàn, imsemmi Captan;

6. u il cumpanija tal Birgu, l'Isla u Bormla, li chienet imsejħa tal *moschettieri* (suldati bl'azzarini), taħt idejn il Captan tal Birgu.

Il Cavlerìa chienet imkassma ucoll f'ħafna cumpaniji u cull miǹ chien jaghmel minnu il Grammastru, mita chien icollu tant renta, chien jeħtieġlu izomm "debba jeu ziemel, armati u imlibbsin tajjeb, biex iservu lill Milizzia."

Ghaudex, it-truppi chienu imkassmin bħal Malta: u il cmand taħħom chien f'idejn il Gvernatur ta dic il gzira.

Il Cap tal armata tal art chien icuu is-Siniscalc tal Ordni jeu xi Gran-Crucìħor maghzul mil Grammastru, chif, mil bkija, chienu maghzulin il Capijet ta uarajħ, li chienu jissejħu Captani-Generali.

Ix-xuieni chien jaħseb fihom Cumitat maħtur bejn in-nies tal Ordni.

Fuk ix-xuieni chien hemm il mictubin minn jeddħom u il meħudin bil-fors: izda, man-nies taċċorma, chien hemm ucoll ir-rsiera, il forzati u il bonavolji. Daun tal aħħar chienu nies li jinbighu ghall ħajjithom collha, biex jakdfu fuk ix-xuieni (23).

Seuua il ligijet ta Manòel, fil cap tmintax, u seuua dauc ta de-Rohan, fit-tieni cap tas-seba ctieb, ighidu bir-rekka x'chienu id-dmirijet tal Fizziali cbar u zghar, tas-Suldati, tal Baħrin u ta cull min chien imdaħħal fis-servizz tax-xuieni.

*61. Id-Duana.*—Il Gvern u in-nefka li chienet trid il Gzira, dac iz-zmien ucoll, bħalma chien minn dejjem, chienu jitolbu li timxi tajjeb id-Duana: u ghal din ir-ragiuni chienu saru ligijet ghaliha, tant mis-Sultan Manòel, fil cap sbatax, chemm mis-Sultan de-Rohan, fil ħames cap tas-seba ctieb.

Il ligi ta de-Rohan chienet tghid li cull ħadd ghandu juri lill Capijet cull mercanzija li hemm xi dritt tad-Duana fukha, seuua jecc tinxtara mill'art u seuua jecc tinxtara fuk il baħar; chienet tghid li, bla sensja, ma jistghux joħorġu mercanziji minn Malta u inkas ma jistghu jinħattu minn dauc li chien jaħdem il Gvern ghar-rasu; chienet tghid li cull Captan

---

(23) Bil Malti, ghadna nghidu *Bonavolja* f'loc *ragel ħazin* jeu *tal csir-il-ghonk.*

jaħtieġ iħabbar x'mercanziji jinsabu fuk il bastiment tighu; chienet tghid mita u fejn ghandhom isiru il ħatt u l'uzin tal mercanziji; u, fl'aħħar nett, chienet tghid bosta ħuejjeġ oħra fuk id-dħul u il ħruġ tal mercanziji.

Il bastimenti tal barranin, biex jitfghu l'ancri fil port, chienu iħallsu scut jeu sitt irbghajja, scond il cobor taħħom.

Id-daziu tad-dħul fid-Duana chien ta tlieta u mit-tlieta uaħda fil mija ghan-nies ta Malta u ta sitta u mit-tlieta uaħda fil mija ghall barranin.

Iz-zuiemel ghas-safar chienu iħallsu sitt irbghajja ir-ras, il ħmir tliet irbghajja u l'annimali l'oħra irbighi fl'ukija fuk li jisueu.

Il ħuejjeġ tal ichel u il ħatab tal ħruk migiubin biex jinħleu fil Gzejjer ma chienux iħallsu daziu.

Ir-rsiera chienu ighaddu b'mercanzija.

Il mercanziji migiubin biex jerġghu isiefru chienu jirtefghu fl'imħazen tad-Duana, fejn chienu iħallsu uieħed fil mija fuk li jisueu, barra mid-dritt tal ħzin.

62. *Il Cnisja u l'Ordni.*— Is-Slaten ta Skallija, li chienu haun kabel l'Ordni, ma naksux mil kima lill Capijet tal Cnisja, ghad li gharfu izommuhom tajjeb fejn jistghu jaghmlu il gid u indocrau il privileggi tas-Sultan, flimchien mad-drittijet tal Coruna. Imma, fi zmien l'Ordni tal Cavalieri, li, bħalma nafu ilcoll, chien f'li stess uakt militar u religius, bil Papa jicmanda fuk cull ħadd, il Capijet tal Cnisja bdeu jindaħlu fid-dmerijet tal Gvern; u, barra mil jedd li chienu tau il Papiet lill Grammastri, biex, fejn jidhrilhom xierak, jistghu jakbzu ighidu xi ħaġa,

chien ighaddi haun Malta cullma chienet tibghat tordna Ruma.

In-nies tal Cleru chien jaghmel minnhom l'Iskof, seuua fil cauzi taċ-Civil u seuua f'tal Crimnal; u il ħatia ta cull xorta, jecc chienu jilħku jituarrbu fil Cnejjes, ma chien jista ħadd ghalihom (24).

Carlu Hamsa, f'li stess chitba tal 24 ta marzu 1530, li biha tà daun il Gzejjer lill'Ordni, chien zamm il jedd ghaliħ u ghall uerrieta tighu fuk il ghazla tal Iskfijet ta Malta. Cull mita chien jonkos l'Jskof, il Grammastru chellu jati l'ismijet ta tliet Sacerdoti li jistħokkilhom jilħku f'dac il post, bil patt li ghal-l'inkas uieħed minnhom icun jaghmel mas-Saltna ta Skallija, biex, imbaghd, l'Imperatur jaghzel mit-tlieta dac li joghġbu iressak kuddiem il Papa. Dan il jedd tas-Sultan baka dejjem imħares u l'aħħar uieħed li ħaddmu chien ir-Raba Ferdinandu, fis-sena 1807. Il Grammastru chellu ucoll id-dmir li, malli isir Iskof ġdid, jaghmlu Gran-Cruċ tal Ordni u isej-jaħlu fil lakghat collha tal Cavalieri.

---

(24) Fl'antic, ħadd ma chien jista imedd idejħ fuk min iuarrab fil Cnejjes u taħt li statui tal allat foloz: u din id-drauua bakghet fl'eulenin insara, li, billi chellhom kima cbira ghall Cnejjes, chienu jaħsbu li huma icasbru il kdusija taħħom jecc icheċċu il min jidħol fihom biex iuarrab mil Hakk, uara li icun uaka fil ħtija. Imbaghd, dan il jedd tat-tuarrib fil lochijet imkaddsa, mexxeuħ il ligijet tal Imperatur Giusti-nianu u il ligijet tal Cnisja, li de-Rohan, fit-tieni ctieb tal ghakda tal ligijet tighu, ried imħarsa bir-rekka.

Tarġa, scond uaħda mil ligijet tal Grammastru de-Rohan, min ma chienx icun studia fl'Università ta Malta u ħareġ illauriat minnha fit-Teologìa jeu fid-Dritt Canònicu, ma chienx jista icun imressak biex isir Iskof ta daun il Gzejjer.

Fis-sena 1797, l'Iskof ta Malta kala minn ghand il Papa Piu Sitta li jigi 'msejjaħ *Arciskof ta Rodi*, b'tif-chira tal imblocc li, fis-sena 1522, chellhom geuua dic il belt il Cavalieri.

*63. Fi ftit cliem.*—" Il Cavalieri (chiteb fuk l'aħ-ħar zmien taħħom il Cantù, li hu uieħed mill'akua chittieba ta li Storia) il Cavalieri chienu iħobbu juru-ruħħom kalb il Cbarat ta duar ir-Rejjet, fil uakt li chienu jaħcmu il Malta u Ghaudex ta tiranni. " U dan m'hux ħlief is-seuua.

Il Grammastru, bħala Cap ta din is-Saltna zghira, chien ixandar il ligijet, joħroġ it-taxxi, jiħtar u ineħħi il Cbarat u in-nies l'oħra collha ta mal Ordni, iuakkaf il Hakk, jati il grazzi u jaghmel li irid bil gid, bil gieħ u bil ħajja ta cull min chien taħtu.

Flimchien mas-Sultan, il Cavalieri ucoll chienu jaghmlu cullma iridu : u, billi, barra minn ftit, f'col-lox chienu izommu il Maltin b'inkas minnhom, mhux li ma chienux iħalluhom jaghmluha maħħom, imma chienu jeħdu riħ cbir fukhom u ma chienu jistmerru minn xejn ghalihom, l'actar ghax chienu jafu li il Grammastru chien ighid bħalhom.

It-taħuid chien tant chiber, li x'uħud mil Maltin, biex jeħelsu mis-setgha tal Grammastru, bdeu jinchit-bu mal *Inquisitur* u jeħdu l'isem ta *Patentati* tighu, jigifieri maghrufin minnu ; fil uakt li oħrajn bdeu jor-dnau il *Prima-tonsura*, biex jidħlu fis-setgha tal

Iskof. Bit-tul taż-żmien, il ghadd tan-nies b'daun il privileggi cotor bosta: u cont tista tghid li, f'din il Gzira ċchejcna, chien haun tliet Gvernijet—tal Grammastru, tal Iskof u tal Inquisitur. Izda minn dan bil-fors chellu jinbet il ghelt bejniethom fuk is-setghat taħħom: u mhux biss li ma chienx ghelt xierak, imma chien igib il ħsara, ghax minn xi dakkiet u la chienet tista taħdem il Polizìa u inkas ma chien jista jinzamm il quiet fil Gzira.

Id-drittijet u il privileggi moghtija lill Malta mir-Rejjet t'Aragona u ta Skallija, bil ueghdi u bil giuramenti collha li ħadu dejjem is-Slaten, minn L'Ile-Adam sa Hompesch, geu bil-ftit-il-ftit jeu mekrudin ghal collox jeu imħarbta, sa chemm li stess Consill tal Poplu safa bħal ħjel ta setgha fil Gvern tal Belt, li il Grammastru chien jinkeda biħ chif jidhirlu.

Sicujt chienu jonksu il ħuejjeġ tal ichel u chien jorkod il Cummerċ, ghax id-dħul u il ħruġ ma chienx jtmexxa seuua.

Ftit uisk mil Grammastri refghu ħsieb it-taghlim tal Poplu. Tas-seu li, daks chemm chienu 'mħallta mal Cavalieri, il Maltin setghu jeħdu id-daul minnhom: imma, l'euuel nett, chif ghedna kabel, il Cavalieri ma chienux jaghmluha maħħom; u, imbaghd, ftit ucoll chienu jafu, ghax it-taħuid chien biz-zejjed ghalihom biex imorru il-kuddiem u jilħku fejn jixtieku.

Dan collu chellu ixabba in-nies ta ghajnejhom miftuħa, bħalma xebbaħħom; u hecc tnisslet ix-xeuka tat-tibdil tas-Saltna, li bakghet sejra ticber u tixtered ġurnata izjed mill'oħra. Il Maltin ma chienux ifittxu li jinaghzlu f'Saltna ghar-riħħom, ghax chienu

jafu li ma chienetx ħaġa tista tcun: imma chienu iridu isibu xi nazzion kauuija fuk il baħar, li ticcuntenta bit-tgaudija ta dan is-SUR TAL MEDITERRÀN u tħallihom jiggvernau-ruħħom ghar-rashom jeu talinkas tatihom sehem cbir fil Gvern tal Gzira: u l'Inghilterra, Franza, Spanja, l'Austria, ir-Russia u Napli, collha chellhom min iridhom.

Ma-dan-collu jixrak nistkarru li din il Gzira, jecc ghandha is-suar tal-ghageb li bihom ghalbet it-Toroc fit-takbida il cbira tal 1565 u bosta drabijet oħra, jecc ghandha il belt Valletta, jecc ghandha fejn tilka u biex tghajjex cull xorta ta nies fil bzonn, jecc ghandha tant opri li jinħtieġu, tant bini cbir u tant tifchiriet ta min jiftaħar bihom, seuua fil Cnejjes, seuua f'idejn il Gvern u seuua ghand il Militar (25), dan collu tafu lill' Ordni ta Gerusalemm u lill'infik li chienu jonfku il Cavalieri tighu. Tarġa, fi zmien il Grammastru ta kabel l'aħħar uieħed, il Gzira chellha ghakda ta ligijet ghaliha: u din, l'actar fejn chienet tmiss id-drittijet tal Pajzani u tal Cummerċ, mhux biss chienet gharfet izzomm id-drauuiet u it-tifchiriet taghna, imma chienet inkdiet bid-daul li fil ligi chien mexxa il Franza u l'Italia sa mis-seclu l'iħor.

---

(25) Mita giè l'Ordni Malta, ma chienx haun ħlief il fortizza ta Sant'Anġlu, nofsha 'mġarrfa biz-zmien li chien ghadda minn fukha; u l'Imdina ma chienetx tisua ghajr biex jituarbu fiha xi ftit canuni tal idejn. It-Toroc chienu ta-sicujt jaħbtu ghalina: minghajr ebda biza, chienu jidħlu fil portijet; u, bosta drabi, uara tħarbita cbira, chienu iġorru ħafna mill'imsejcna Maltin ghall jasar ta Barberìa.

## IT-TIENI ZMIEN

### Taht il Francisi u f'idejn l'Inglizi

---

64. *Il Cumissioni tal Gvern Francis.*—Mil ġurnata li din il Gzira giet mirħija lill Gvern Francis sat-18 ta ġunju 1798, Bonaparti, bħala General fuk cull ħadd, uira f'Malta li chien jista collox ; u l'euuel ordni li ħareġ chien dac tat-13 ta ġunju 1798 (26), fejn ghakkad il Cumissioni tal Gvern.

In-nies ta din il Cumissioni chellhom icunu disgha, maghzulin mil General ta fuk cull ħadd, u chellu icollhom maħħom Segretariu u Caxxier maghzulin minnhom stess, izda mhux minn fosthom. Id-disgha chellhom jaghmluha ta President sitt xhur cull uieħed u chellu jinghakad maħħom Cumissariu tal Gvern.

Chien dmir taħħom li ghandhom imexxu il Gvern collu tal Gzira, li jindocrau id-dħul tat-taxxi, li jaħ-

---

(26) Chien mghajjat l'*Ordni tal 25 ta pratìl*, ghax Franza, bil ligi tal 5 t'ottubru 1793, chienet neħħiet il Calendariu Gregorian u kassmet is-sena fi tnax il xahar ta 30 jum il uieħed, b'ħames ti jem miziudin fl'aħħar, li, fis-sena bisistil, chienu isiru sitta. Is-sena chienet tibda fit-22 ta settembru, f'nofs il lejl ; u ix-xhur chienu daun : tal ħarifa, *vendemmíaju*, *brumaju* u *frimaju*—tax-xitua, *nevùs*, *piovùs* u *ventùs*—tar-rebbigha, *germinàl*, *floreàl* u *pratìl* — tas-sajf, *missidòr*, *fruttidòr* u *termidòr*. Imma, fl'euuel ta jannar 1806, Franza reġghet uakghet ghall *Calendariu Gregorian* ( imsejjaħ hecc ghax maghmul mil Papa Gregoriu Tlittax ).

sbu ghall ħuejjeġ tal ichel, li izommu il Pajjiz fl'indafa u li jaghmlu in-nies collha ta mal Gvern : imma il Polizìa tħalliet f'idejn il General li chellu il cmand tat-truppi u f'idejn il Fizziali ta ma duaru.

*65. Ordnijet ġodda.* — Bonaparti ma ħalla ebda Sultan jindaħal actar fl'affarijet tal Gzira, neħħa ghal collox il Ministri li chien haun bis-setgha collha tar-Rejjet taħħom u uakkaf il Conslijet barranin sama il Gvern ta pajjizhom jarġa jatihom li jissoctau jidhru ghaliħ f'Malta. Libbes il cull ħadd b'li stess drittijet: u imħabba f'hecc ħeles l'imjassrin, ħall il bonavolji mir-rabta li chellhom mal Ordni u ġaghal l'Iskof, il Cappillani u l'impiegati tal Gvern collha jeħdu il giurament li jibkghu fidili lejn Franza. Neħħa l'ismijet u l'armi tan-Nobbli, baghat minn haun il Patrijet frustieri u ma ried ebda Xirca ta Patrijet b'izjed minn Cunvent uieħed. Kered ucoll il Culleggiati tal Canònici collha, barra mil Capitlu tal Catidral, ma ħalliex is-Sorijet jaghmlu il ueghda tax-xbubija kabel ma jakbzu it-tletin sena u iccmanda li ħadd ma igib il 'lbies tal Cleru jecc ma icunx uasal ghar-Rabta. Daun l'Ordnijet tal aħħar u x'oħrajn li chien ghamel fuk il ħuejjeġ tal Cnisja saħħnu uisk il Poplu : imma 'ndaħal l'Iskof u irnexxielu iberred il klub, billi kal li dauc l'Ordnijet tal Gvern ma chienux maghmulin biex inakksu is-setgha ta fuk ir-ruħ u li cull ħadd jaħtieġ jobdi il kauua tal Capijet maħlukin mn'Alla.

*66. Tmexxija tal Krati.*—Bonaparti ħalla il Hakk sejjer chif chien, sa chemm il Cumissioni tal Gvern ma mexxietx il Krati xort'oħra : imma fis-6 u fil 11 ta *termidòr*, jigifieri fl'24 u fid-29 ta lulju 1798, saru

l'Imħallfin tal paci, b'setgħa ċchejcna fil ħuejjeġ taċ-Civil u tal Crimnal; tuakkfu minn ġdid il Krati tad-Drittijet, tal Cummerċ u tal Crimnal, billi 'ngiebu jixxiebħu chemm:sata icun lill francisi; u, fis-27 ta li stess xahar, ħarġu ir-regulamenti tal Avucati.

Tneħħa il jedd tat-tuarrib tal ħatja fil lochijet imkaddsa u intemmet cull setgħa tal Cnisja, għax ma tħalliex lill'Iskof għajr ftit tal cmand fuk l'imgieba tal Cleru.

67. *Taksim tal Gzira.*—F'li stess ordni tal 25 ta *pratìl*, Bonaparti chien iccmanda li 'l Gzira collha tigi 'mkassma f'ħafna bcejjeċ: u cull biċċa ma icunx fiha inkas minn tliet telef ruħ, icollha ħamsa minnies biex jiggvernauha u Imħallef tal paci maħħom. Għal hecc il Cumissioni tal Gvern, fl'4 ta *missidòr* ta dic is-sena (it-22 ta ġunju 1798), katgħet li il belt Valletta, il Furiana, il Birgu, l'Isla u Bormla, chellhom isiru belt uaħda, bl'isem ta *Belt ta Malta,* għad li jibgħu mifrudin f'zeuġ xaklibiet: tal orient, li chienet tħaddan it-tliet ti bliet ta il-hinn mil port il cbir; u tal occident, li ma chienx fiha ħlief il Belt u il Furiana. L'Imdina, bir-Rabat u l'artijet ta ma duarha, chienet tgħakkad it-tielet xakliba; u ir-rħula tal Gzira chienu maksumin f'ħames xaklibiet oħra.

Dan it-taksim tal Gzira chif chienet fl'antic, għad li b' ismijet ġodda—għax il Cumissioni tal Gvern dehrilha li chellha *bzonn tbiddel saħansitra l'ismijet il kodma*—chien jogħġob uisk lill Maltin, chiecu il Poplu gie mgħajjat biex jeħu sehem fil għazla tal impiegati jeu għall'inkas chiecu il Cumissioni tal Gvern, li chellha tagħzilhom, għarfet tagħmilhom bla kaddisin u bla tbixchil.

68. *It-taghlim.*—It-taghlim tal Poplu giè maksum f'zeuġ ferghat: l'eulieni u il gholi.

Ghall'eulieni, ħareġ l'ordni li jinfetħu ħmistax il scola, fejn it-tfal chellhom jiġu mghallmin il kari u il ctib, it-taħriġ fil ghadd u fis-sengha tal bdot, l'euuel deħen ta chif ghandhom igibu-ruħħom u ta chif jinsab imuakkaf il Gvern ta Franza, flimchien mal lingua francisa.

Ghall gholi, l'Università giet imbiddla fi Scola ta cull xorta ta ghadd u ta cull taghlim fuk il ħuejjeġ tal ajru, tal gisem, tal-tbaħħir, tas-sengha ta li spiziar u ta chif in hi 'mfassla id-dinja, flimchien mal lingui tal Orient.

Fl'aħħar nett, imbaghd, chien ordnat li sittin giuvni ta bejn id-disgha u l'erbatax il sena, ulied nies ghònja, jiġu mibughtin Parigi, biex icunu mghallmin f'li Schejjel tal Gvern, minn flus krabathom.

69. *Ir-renti tal Gvern.* — It-tmexxija tar-renti tal Gvern giet ucoll maksuma f'zeuġ ferghat: tal gid tal fiscal, jigifieri tal bini u tal ghàna l'iħor li chellu il Gvern; u tat-taxxi collha li chienu jidħlu, seuua mid-Duana u seuua mil Pajjiz.

Il gid tal fiscal chien il ghàna li chellhom l'Ordni u il Grammastri: u it-tmexxija ta dan irtħiet f'idejn Cumitat ta tlieta min-nies, taħt il cmand tal Cap tal Gvern.

It-taxxi ta cull xorta li chien haun fi zmien il Cavalieri tħalleu ghall'euuel chif chienu: imma il Cumitat tal Gvern chellu it-tuissija li joħroġ ordnijet oħra biex jistghu jidħlu 720,000 franc (28 elf u tmien-mit lira inglizi) fis-sena.

70. ***L'armata tal art u tal bahar.***—Chif chienu keghdin il Francisi, chien jakblilhom jordnau li ħadd ma izomm armi : u dan l'ordni ħareġ fit-28 *ta pratìl* (is-16 ta ġunju 1798). Imma, f'li stess uakt, barra milli ma tneħħeux il Cacciaturi li chien haun mictubin minn jeddhom f'Malta u Ghaudex, il General ta fuk cull ħadd chellu iuakkaf Cumpanija ta tletin ruħ oħra, maghzulin bil cuntentizza taħħom minn kalb iz-zghazaħ ta bejn il ħmistax u it-tletin sena.

Hecc ucoll il Cmandant tal baħar ( imsejjaħ *Cumissariu tal Marina* ) chellu l' ordni li jiħtar sitt giuvintur mill'oghna familji biex jittieħdu ghat-taghlim ta fuk iġ-ġfien, fejn icunu jistghu jibkghu telghin sa fl'oghla cmand.

71. ***Tiġrif ta ligijet.*** — Barra daun li semmejna, Regnaud de Saint-Jean-d'Angely, Cumissariu tal Gvern, xandar ligijet oħra, b'ghamla ta Degrieti : u x'uħud minnhom chienu milkughin ħazin uisk. Imma Bosredon Ransijat, li laħak f'locu, raġa ħareġ Degriet fl'euuel ta *ventùs* ( id-19 ta frar 1799 ), fejn, billi sab li Regnaud u la chellu u inkas sata icollu is-setgha biex jaghmel dauc il ligijet, uakkaħħom fix-xejn.

72. ***X'gieb u kajjem ir-reuuixta tal Maltin.*** — Digià ghedna f'liema fakar chienet il Gzira, mita ħaduha il Francisi. Issa daun, bil Gvern taħħom, f'loc ma nakksu xi ftit dac il fakar, cabbruħ izjed. Tarġa, il ħsarat li ghamlet il guerra lil x'uħud u li bakghu bla 'mħallsin, il piazza li chienet tueghdet u ma intaghtat katt (inkas lin-nisa tas-suldati u tal baħrin li Bonaparti chien ħa mighu), li mghaxijet tal flus

mislufa lill Caxxa tal Ordni li ma traddux actar, il *Monti di Pietà* li minn f'loc erbgha bida jeħu sitta fil mija, it-tneħħija tax-xahar li dari il Gvern tas-Slaten chien ikassam lill fokra, xi ligijet ġodda li saru fuk id-drittijet tal Maltin u fuk il Cnisja u ħafna tibdil iħor, ghalavolja ta min ifaħħru fiħ in-nifsu, izda 'mkankal f'dakka u mil kieħ, collox bida ikajjem ilmint cbir u xabba il Maltin mil Francisi.

Imbaghd, f'auuissu tal 1798, l'aħbar li Nelson ħabat ghall flotta franciSa fix-xtut t'Abuchìr u ħarbatha, compliet tixghel fil Gzira il partit tal Inghilterra: u il biċċa il cbira tal Maltin, l'actar in-nies tar-rħula, chienet lesta biex tirvella, malli icollha fiex tkabbad difrejha.

Fis-6 ta *fruttidòr* (it-2 ta settembru 1798) tala uieħed min-nies ta mal Gvern biex ibieħ it-tapezzerìa u il ħuejjeġ l'oħra tal Cnisja tal Carmnu tal Imdina. Imma il Poplu ma ħallieħx u chellu jaħrab. Kabez ghaliħ il Captan Masson, li chien Cmandant hemm fuk, biex irazzan in-nies: izda l' imgieba ħarxa tighu izjed chebbsithom u ir-Rabtin kattghuh bċejjeċ.

It-tixuixa li kamet l'Imdina, fi ftit sighat, xterdet fir-rħula collha u saħansitra f'Ghaudex, daks chemm chiecu chienet maħsuba minn kabel bejniethom: u cull ħadd kabad l'armi. Il mitejn suldat li baghat l'aghda fil ghodu il General Vaubois, biex jirrinforzau in-nies tal Imdina, sabu-ruħħom f'takbida cbira mal imxeuxin u chellhom jerġghu l'ura lejn il Belt. Minn dac il mument, ħadd ma ħareġ izjed mis-suar il-barra.

Frattant, l'imxeuxin bdeu jitkassmu aħjar, fil uakt

li Manuèl Vitale u il Canònicu Caruana (27), maħturin bi Cmandanti tar-rħula collha, bdeu jiġbru l'armi, jarmau it-torrijet ta mal plajja, ifiehmu is-sinjali u ikeghdu il ghases, biex jitchixxfu chemm il pass jatu il Francisi.

73. *Ir-Re ta Napli, il Marchis ta Nissa u l'Armirall Nelson.* — Il Canònicu Caruana, mizmum minn cull ħadd b'Cap principal tal imxeuxin, uira li, seuua ghax is-Sultan ta Napli Ferdinandu Erbgha chellu il jedd tighu fuk il Gzira u seuua biex jistghu jingiebu minn hemm l'ichel u il munizzion tal guerra, chien xierak li il Maltin jitolbu dac ir-Re jakbez ghalihom u ixandruħ b'Sultan veru taħħom. Il biċċa ghoġbot: u, billi l'ittra mibughta Napli fil 5 ta settembru 1798 chellha risposta tajba minn Ferdinandu—li actarx chien kal biha lill'Inghilterra—l'imxeuxin geu meghjuna bil munizzionijet u bil flus.

Fid-19 ta dan li stess xahar, dehret fil port taghna flotta portughiza taħt il cmand tal Marchis ta Nissa, li giè jimblocca il Francisi, biex ighin l'imxeuxin (28); u fil 25 dehret flotta ingliza, taħt il cmand ta Nelson, li tà ghajnuniet oħra. Nelson ftit dàm haun: imma,

(27) Il Canònicu Frangiscu-Saveriu Caruana chien uieħed min-nies tal *Cumissioni tal Gvern Francis*: izda, mita il Gvern iddecida li jeħu il fided u il ħuejjeġ ta biċċa mil Cnejjes, ħalla. Imbaghd, chien laħak Iskof ta Malta fil 15 ta mejju 1831 u miet fis-17 ta novembru 1847.

(28) Chif ighid Vassall f'li *Storia ta Malta*, il Portugall ma chellu ebda ħsieb iħor f'dan l'imblocc, ħlief li jakbez ghall Maltin, ghax chien ghadu tal Francisi.

ġurnata kabel ma siefer, b'zeuġ ittri—uaħda iffirmata minnu u mill'Armirall portughiz u l'oħra iffirmata mil Canònicu Caruana u mis-Sur Vitale—il Francisi geu imuiddba li jitilku il Belt f'idejn l'imxeuxin. Il General Vaubois, li chien ghad ghandu cull xorta ta munizzion u ta ħuejjeġ tal ichel, ma raddhiex. Mita, imbaghd, telak Nelson, l'imblocc issoctaħ il Marchis ta Nissa, flimchien mal Captan Ball, li baka haun fuk il fregata *Alexander.*

L'imxeuxin, billi chellhom actar munizzion, cattru il ħrara taħħom u bdeu jaħdmu aħjar u bil-herra.

Fil 25 t'ottubru, Nelson raġa giè Malta : u l'Armirall portughiz raġa uiddeb il Francisi li jitilku il Belt minn taħt idejhom, fil uakt li ried iuassalhom Franza, minghajr ma ighaddihom bi prigiunieri tal guerra. Imma Vaubois raġa zamm jebes u il Portughizi telku l'imblocc.

Fis-27 ta dan ix-xahar, il Francisi li chien hemm Ghaudex, imbluccati min-nies ta dic il Gzira u maghfusin bil ġuħ, chellhom iciedu. Frattant, fil uakt li baka sejjer it-takbid fir-rħula ta Malta, fejn ix-xoghlijet tal guerra chienu imexxuhom Inginjeri inglizi, saret confofħa bejn xi nies li riedu jaħbtu ghall Francisi ta geuua il Belt : imma in-nassa, li xi Grieghi digià chienu tarrfu xi ħaġa fukha lill Francisi, giet micxufa fil lejl tat-tnax ta jannar 1799. Il ħatjin, li geu iccundannati ghall meut, sparau ghalihom il Piazza : u, biex cull ħadd jiftaħ ghajnejħ, ħarġu tuiddibiet ħorox.

Imma l'imxeuxin ma bezghux : u issoctau jarmau it-trincieri, chif ucoll xejn ma uakfu mit-tfiħ tal baal, l'izjed ghal fuk il flotta francisa. Mita, 'mbaghd,

reġghu geu bzonn tal ghajnuna, baghtu tliet Deputati (29) ghand ir-Re Ferdinandu, biex jitolbuħ, fost ħuejjeġ oħra, li, jecc is-Saltna tighu ma chienetx tista taħseb ghal dac li chienet taħtieġ il Gzira, jatihom is-sensja li jitolbu il ghajnuna tal Inghilterra contra l'aghdu taħħom it-tnejn u li itellghu il bandiera ingliza flimchien man-naplitana, sa chemm iddum il guerra. Ir-Re Ferdinandu mhux biss tahom il grazzia li talbu, imma ueghedhom li Skallija tibka tghinhom chemm tista u faħħar il fidiltà taħħom, chif ucoll l'imgieba tajba tal Inglizi. Ghal hecc, mela, fit-23 ta frar 1799, id-Deputati ta Malta chitbu lil Nelson, fejn kalulu x'chienu kalghu minn ghand ir-Re Ferdinandu u talbuħ ikighed il Gzira taħt il protezioni tar-Re tal Inghilterra, biex jissocta jakbez ghalihom contra l'eghdeuua taħħom. U, billi chien hemm bzonn ta Cmandant ingliz, sabiex ilakka il pariri tal Maltin, talbu lil Nelson li jaghzlilhom uieħed, f'li stess uakt li huma semmeulu il Ball. Frattant, l'imxeuxin, minghajr ma kaghdu jistenneu ir-risposta tal ittra, stiednu il Ball biex jinzel l'art u jeħu il Cmand seuua tal Gvern u seuua tal Militar, mentri ħadd ihor ħa 'l Cmand tal baħar.

74. *Ball jibda jiggverna ghar-Re ta Napli.* — Id-Deputati li chienu mibughta ghand ir-Re Ferdinandu, uara li compleu tajjeb dmirhom, reġghu geu Malta f'marzu tal 1799 : u, f'li stess ħin, flimchien ma flus u munizzionijet ghall bzonn tal guerra, uaslet ittra

---

(29) It-tliet Deputati chienu is-Sacerdot Savoye, il Baruni Fournier u l'Assessur Agius.

tar-Re Ferdinandu, fejn Ball chellu is-setgħa li jeħu il Cmand ta Malta fl'isem tighu. Ball accetta: ħareġ ligijet u regulamenti *bħala Gvernatur tal Gzejjer ta Malta u Ghaudex fl'isem tar-Re ta Napli u Cmandant tal flotta tar-Re tal Inghilterra*; u ħa f'idejħ is-setgħa collha tal Gvern u tal Militar, fil uakt li baka dejjem jinħabb mil Maltin.

L'imxeuxin, li geu izjed imkassmin u marbutin tajjeb, bakghu jeħduha mal ghedeuua, ghad li mhux dejjem chienu jirnixxu fit-takbida: u il Francisi, li chienu ghadhom ma katghux jeshom, bakghu jirroftau it-tuiddib ta Ball biex iciedu il Belt tal Gzira.

75. ***Il Congress Nazzionali.***—Biex ma jitghabbiex uaħdu bil ħruxija tar-regulamenti li chienu jinħtieġu, Ball ried li tinghakad bħal lakgħa tal Maltin, biex jiddecidu fuk cullma ghandu isir: u din il lakgħa tuakkfet, taħt il presidenza tighu, bl'isem ta *Congress Nazzionali*. Chienu 'mdaħħlin fiha: il Vigariu tal Iskof, biex jidher ghall Cleru; ragel minn cull raħal, maghzul mil capijet tal familji; uieħed mill'Imħallfin, maħtur mill'istess Deputati, biex jakbez ghall Hakk; u zeuġ Segretari. Il Gvern chellu jokghod fil Palazz ta Sant'Anton: u fil 11 ta frar 1800 chellha issir l'euuel lakgħa tal *Congress Nazzionali*. Dan chien Gvern iħor, maghmul contra il Gvern tal Francisi, li chien jinsab geuua il belt Valletta. Is-saħħa tal Gzira, id-Duana, il ħuejjeġ tal ichel, il Polizia u it-tiġdid tal Krati tal Imdina chienu l'euuel ħsiebijet li rafa il *Congress Nazzionali*: imma fuk collox ghandu jissemma dac li sar fil lakgħa tal 15 ta mejju 1800, fejn il *Congress* uira-ruħu tal ħakk, tad-deħen u tal ħniena, mita kata, bil voti tighu collha, li chemm irsiera.

chienu inħelsu bl'ordni ta Bonaparti chellhom jibkghu meħlusa u ma jiġux mimbuxin actar minn sjedhom, li chienu riedu ifittxuhom.

76. *Il fehma tar Russia* —Paulu Uieħed, li, fis-sena 1799, uara li ħalla Hompesch, chien laħak Grammastru tal Ordni ta Malta, chien jaf xi ħsieb chellha l'Inghilterra fuk din il Gzira u chien jaf x'fehma chellhom il Maltin : ghal hecc baghat haun il Cavalier Italinski, biex ighid lill *Congress* li l'Imperatur chien kighed ifittex b'imħabba ta missier il gid u il hena tal Maltin ; li, malli l'Ordni tal Cavalieri icun meħud ir-Russia, il Maltin icollhom Piriulat ghalihom; li il Gvern tal Gzira icun f'idejn il Maltin, bi Gvernatur maghzul mill'Imperatur; u li il Poplu jarġa jibda igaudi id-drittijet u il privileggi li chellu, fil uakt li cull ħadd jarġa jeħu ħuejġu. L'aghda, il *Congress* baghat jirringrazzia l'Imperatur tar-Russia mittieba tighu : imma, f'li stess ħin, talab lill Cavalier biex iġaghlu iuettak il ghazla ta Ball b'Cap tal Gvern ta Malta. Ir-Russia ma 'ddumx ma tinchixef li chellha ħsieb tieħu il Gzira.

77. *Jissocta l'imblocc u il Francisi iciedu.*—Ma dan collu, il Francisi, billi ma giethomx il ghajnuna li chienu jistenneu, bakghu sejrin dejjem ghall'aghar; fil uakt li, mil banda l'oħra, bdeu joctru iġ-ġfien inglizi fil port taghna u l'imblocc bida isir izjed birrekka. L'imxeuxin, actar ma chienu jiġuhom il monizzionijet, actar chienu jigguerrau bil-herra.

F'april tas-sena 1800, uaslu disa mit suldat, li geu minn Napli, taħt il Cmand tal General Fardella, biex ighinu in-nies taghna; u, f'ġunju tal istess sena,

uasal il General Graham, li, chif kal hu, chien mibghut mir-Re tighu *b'kabda nies, biex ighin il Maltin, sa chemm tasal forza chira li tieħu il belt Valletta.* Imbaghd, uara ftit, raġa uasal il General Pigot, b'riġment u zeuġ battaljuni oħra mighu, u ħa f'idejħ il Cmand tal Militar li chien haun fl'art.

Fix-xahar ta lulju, Pigot raġa uiddeb il Francisi biex jitilku minn haun: imma Vaubois, billi chien is-sajf, chien ghadu jittama li tigiħ il ghajnuna f'kasir zmien u ma cediex. Frattant, ghadda xahar iħor fl'imblocc, bla ma uaslitlu ebda ghajnuna: u kamħ maħzun (il ħuejjeġ l'oħra tal ichel chien ilhom li spiċċau) ma chienx bakaghlu ħlief ghal ghoxrin ġurnata.

Bonaparti, li, mita ma satax izomm din il Gzira ghall Franza, xtiekha taħt cull bandiera oħra barra mill'Ingliza, offriha lill'Imperatur tar-Russia: u dan, li chien ilu tant b'xeukitha, ghamel il Baruni ta Sprengporten Gvernatur taħħa, taħ f'idejħ sitt elef Russu li dic il ħabta chienu jinsabu Franza u baghatu jeħu il Malta.

Imma iddauuar, ghax Vaubois, li chien baka maghluk fil Belt minghajr ghajnuna u minghajr ma jista jibghat ighid fiex jinsab lin-nies ta Franza, fl'aħħar chellu inizzel rasu: u, fl' 4 ta settembru 1800, chiteb lil Pigot li chien uasal biex jista jitlak bla ma jitlef l'onur tal isem tighu. Dac in-nhar stess, Pigot baghat il General Graham u il Captan Martin, li chellu il Cmand tal baħar, biex jidħlu il Belt u jiftehmu mal General Francis fuk il pattijet li chellu iciedi bihom; chif, imbaghd, ġara li daun il pattijet saru l'aghda, bejn Vaubois u l'Armirall Ville-

neuve mil banda il uaħda u bejn Pigot u Martin mil' banda l'oħra.

Dic li stess ġurnata, it-truppa ingliza daħlet il Furiana, Tignè u ir-Ricasli; u, ftit ġranet uara, is-Suldati francisi telku minn din il Gzira bl'onuri militari collha, fil uakt li in-nies taghna, flimchien ma Captan Ball, daħlu fil belt Valletta.

Paulu Uieħed, Imperatur tar-Russia, ried minnufiħ li Malta taka f'idejħ: u, billi l'Inghilterra kaltlu ċar u tond li ma tridx, kata il cummerċ collu tar-Russia mal Inglizi.

Malli uaka il Gvern francis, uakghu ucoll il ligijet collha li chien ghamel hu: u reġghu bdeu ighaddu il ligijet li chien haun kabel.

78. *L'Inghilterra tibda tipprotiegi il Maltin.* — Ir-Re Giorġ Tlieta ghoġbu jeħu il Ball band'oħra: u dan, fil 20 ta frar 1801, kabel ma 'nfired mil Maltin, faħħar il curaġġ li chienu bakghu juru sal aħħar mal ghedeuua u il ħrara li kaghdu biha ghat-tbatijet tal guerra.

Laħak f'locu il General Sir Henry Pigot, li, dac in-nhar stess, ħareġ bandu, fejn kal li ir-Re tal Inghilterra, *fil uakt li chien kighed jeħu in-Nazzion Maltija taħt il protezioni tighu, taħ l'ordni jisguraha li jaghmel cullma jista biex isaħħaħ il cuntentizza u il hena taħħa,* chif ucoll icun dmir tighu li *iħalliha tibka tgaudi ir-Religion, il gid u il libertà taħħa.*

Pigot baka jiggverna sat-30 ta ġunju 1801, ghax minn dac in-nhar il-kuddiem il Cmand taċ-Civil u tal Militar inaghzlu minn xulxin u giè haun Sir Charles Cameron, biex imexxi il Gvern ta Malta, taħt l'isem ta Cumissariu Civil tar-Re tal Inghil-

terra. Cameron, fil 15 ta lulju 1801, raġa sgura il Maltin li ir-Re *tahom il protezioni tighu collha u it-tgaudija tal ghezeż drittijet li chellhom, tal Cnejjes, tar-Religion, tal persuna u tal ġid taħhom.* Mil bkija, baka tas-seu iħares il ligijet li chellha il Gzira kabel ma marru il Grammastri: u, fit-23 ta lulju, geu magh-rufin minnu il Krati li chien haun dac iz-zmien; fis-26 t'ottubru, uakkaf Korti barranija, biex tindocra id-dħul ta flus il Gvern; u, fl'14 ta dicembru, kas-sam seuua il Hakk tal *Cutnenti* (li chienu il Capijet tar-rħula). Fit-30 ta lulju 1801, chien ħareġ ucoll ordni tar-Re li, sa chemm isir bil-mictub il ftehim tal paci, il port tal belt Valletta ma iħallas ebda duana biex igib jeu jibghat cull xorta ta ħuejjeġ tal cummerċ fuk bastimenti ta nazzionijet ħbieb mal Inghilterra.

*79. Il paci ta Amiens.*—Fis-27 ta marzu 1802, sar bil-mictub il ftehim tal paci, bejn l'Inghilterra mil banda il uaħda u bejn Franza, Spanja u Batavia, mil banda l'oħra. U, f'dac il ftehim, chien hemm li il gzejjer ta Malta jerġghu jirtaddu lill'Ordni tal Cava-lieri, b'daun il pattijet: l'euuel nett, li l'Ordni ma izomm katt ma ebda Nazzion; imbaghd, li ma icollux *lingua* francisa u ingliza, imma f' lochom icollu *lingua* maltija; u, fl'aħħar, li chellhom icunu Maltin ghall'inkas nofs in-nies ta mal Gvern. Frattant, it-truppi inglizi chellhom jitilku minn haun fi tliet xhur.

Din l'aħbar saħħnet uisk il dauc li chienu izommu mal Inghilterra: u, fit-telfa tal killa taħħom, kattghu saħansitra l'avvisi li chien uaħħal mal cantunieri il Cumissariu tal Gvern. Izda nifhmu li din it-tkankila

ma chienetx kamet ghal gharrieda, ghax il cbarat tal Maltin, malli chienu xammu chif sejjer icun il ftehim tal paci bejn in-Nazzionijet, digià chienu ghazlu xi Deputati (30) biex ifissru lir-Re tal Inghilterra li chellhom ragiun imillu il Gvern tal Ordni u digià chienu talbu li, chemm il darba din il Gzira ma chienetx tista tibka mal artijet inglizi, ghall'inkas tibka ghaliha, minghajr ma jaghmel minnha hadd.

Chienet ftit imgherfxa il paci ta Amiens: u il ghorrief intebhu minnufih li ma chellhiex hajja tuila!

*80. L'Inghilterra ma titlakx il Malta.* — L'Inghilterra malajr rat li ma chienetx marret tajjeb bil paci ta Amiens: u, billi talbet li Malta tibka ghaxar snin tahtha, biex tpatti biha iz-zieda li chienet hadet Franza, u f'li stess hin uriet li ma chienx bi hsiebha titlak din il Gzira, Franza, fit-18 ta mejju 1803, regghet bdiet il guerra mahha. Din il bicca nisslet minn gdid it-tàma li Malta tibka tal Inghilterra ghal collox.

Frattant, billi Cameron chien kala is-sensja li jista jitlak minn haun kakel ma jergghu jigu il Cavalieri, ir-Re tal Inghilterra baghat f'locu il Ball, li digià chien maghzul biex jibka Ambaxxatur Ingliz mal Gvern tal Ordni. Ghal hecc Sir Alexander John Ball chien raga bida jiggverna daun il Gzejjer fl'24 ta lulju 1802.

Billi il Maltin ma chellhomx kaghad bejn it-tàma u il biza, billi chienu regghu geu mis-safar xi Maltin

---

(30) Id-Deputati chienu daun: il Marchis Mariu Testaferrata, Dun Manuèl Ricaud, is-Sur Flipp Castagna, is Sur Michiel Cachia, Dun Pietru Mallia u is-Sur Tonin Mallia.

li chienu izommu mal Francisi u billi il Congress Nazzionali chien iddecida li ghandu jara chif sejra tibka ir-rabta tal Gzira mal Inghilterra, it-tieni Gvern ta Ball chien uisk actar tkil mill'euuel uieħed. Imma hu gharaf jiġbed lejħ il cotra u mexxa uaħdu il Cmand collu, Haseb ghall Krati, ghassaħħa tal Gzira, ghall Polizìa, ghall frustieri li chienu gejjin Malta, ghat-tisuija tal ħsarat li chienu ghamlu lil bosta nies l'imblocc u il guerra u ghall ħlas tal mghaxijet tal flus li chienet isselfet l'*Università* minn ghand x'uħud.

Ball, f'cull xorta ta dmir li chellu haun Malta, fil uakt li siua uisk ghal Pajjizu, gharaf jinħabb ucoll mal cotra il cbira tal Maltin: u daun, mita miet, fis-sena 1809, biex iħallu tifchira tal kima u tal gibda li chellhom lejħ, uakkfulu musuleu, maghmul bi flus li tà ghaliħ il Poplu. Dan il musuleu, fis-sena 1884, raġa isseuua bi flus miġbura bħal ta kabel.

Uara il meut ta Ball, il Gvern chien immexxi mil General tat-truppa u mis-Segretariu ta Malta, sa chemm giè, fis-sena 1810, il General Sir Hildebrand Oakes, bl'isem ta Cumissariu tal Gzira.

Fi zmien Oakes, x'uħud min-Nobbli, x'uħud mil Cleru u x'uħud mill'akua Maltin talbu lill Princep li chien jiggverna l'Inghilterra (31) biex jarġa ikajjem il Consill tal Poplu u jatiħ is-setgha li jibghat Deputati u jaghmel Petizionijet lir-Re; chif ucoll riedu li il Krati ma icolhom fukhom ħadd, li icun haun li stampa libra u li jibda isir il Giurì — fi ftit cliem,

(31) Giorġ Tlieta chien iggenuen: u ibnu il cbir dàm jiggverna f'locu mil 5 ta frar 1811 sad-29 ta jannar 1820.

ghamla ta Gvern li chienet tiġbor fiha dac li chien haun tajjeb fi zmien is Slaten u dac li chien irodd l'Ingliz. Dan ġara fis-sena 1811 : u, biex nghidu is-seuua, cliemhom xejn ma chien tal kima ghall Cumissariu li chien haun kabel. Oakes ħa ghaliħ uisk: saħansitra sejjaħ *nies ħauuada u imxeuxin* il Capijet tal Poplu, fil uakt li ghadda b'*neksin, bla raj u imkarkin mit-taħuid taħħom* dauc li chienu jaħsbuha bħalhom.

Frattant, x'uħud minn dauc li chienu ghamlu il petizioni reġghu l'ura : imma l'oħrajn zammeu jebes u sabu min jakbez ghalihom Londra, biex igibuha fejn iridu. Chif, imbaghd, kalghu li tigi Cumissioni ghal t'apposta, biex tifli tajjeb chif in hu miexi il Gvern tal Gzira : izda din il Cumissioni ma sfatx taġid ghal Malta (32).

Tliet degrieti tal Parlament Ingliz—l'euuel uieħed maħruġ fit-23 ta mejju 1806, it-tieni fil 25 ta marzu 1807 u it-tielet fl'14 ta mejju 1811 — degrieti li, imbaghd, tniedeu Malta fil 21 ta marzu 1823—chienu katghu mill'artijet collha tal Inghilterra dac il cummerċ faħxi li chien jissejjaħ *il gibda tas-Siued tal Àfrica* (jigifieri *ix-xiri u il bejħ tal irsiera).* Tarġa, fit-30 ta settembru 1812, Oakes chien ghamel ligi li biha ma ħalliex jingiebu izjed irsiera f'Malta u dauc li chienu jinsabu haun ma ħallihomx actar imjassra.

Oakes baka jiggverna sal 4 t'ottubru 1813 : u, dic il ħabta, digià chien haun il pesta li ghafset tant il Gzira, uarrbet il cull ħadd minnha u uakkfet il cummerċ taħħa sa nofs is-sena ta uara.

---

(32) Chienu tlieta fil Cumissioni : li stess General Oakes, William Acourt u John Burrows.



## L'AHHAR ZMIEN

### MINDU HAUN L' INGLIZI

---

*81. Il ftehim ta Parigi.*—Chif Oakes ma bakax jiggverna, l' Inglizi minn Protetturi tbiddlu fi Sjed taghna: u Sir Thomas Maitland, li giè uarajħ, mita kabad is-setgha f'idejħ, bħala *Gvernatur u Cmandant-fuk-cull-ħadd ta Malta bil Gzejjer taħħa*, xandar lill Maltin, fil 5 t'ottubru 1813, li, minn dac in-nhar il-kuddiem, l' Inghilterra chienet bdiet tghoddhom b'sùdditi tal Coruna Ingliza.

Izda, b'dan collu, ma chienx ghadu jista jinghad li ix-xorti ta din il Gzira chienet sgurata ghal-collox, ghax il guerra mibdija fis-sena 1803 u li, scond ma chien jidher, chienet tkanklet actarx imħabba il priza ta Malta, chienet ghadha sejra.

Fil bidu tas-sena 1814, in-Nazzionijet li chienu mifthemin bejniethom iddecideu li, jecc ma jixrakx inakksu il libertà ta Franza, jaħtieġ irazznu il cburija ta Napuliun fil guerra. Ghall'euuel, ħarġu tellefin fit-takbidiet ta Brienne, ta Montereau, ta Champaubert u ta Montmirail: izda, 'mbaghd, kassmu aħjar in-nies taħħom u marru ghall Parigi, li *semghet l'euuel darba il canun tal barranin.* Napuliun chellu iħalli is-saltniet ta Franza u tal Italia, fil uakt li ma zammx ghaliħ ħlief il gzira t'Elba; u Franza ħtigilha titlob il ftehim. Dan il ftehim sar Parigi, fis-sena 1814, bejn Franza mil banda il uaħda u bejn l'Austria, l'Inghilterra, ir-Russia u il Prussia mil banda l'oħra, fejn chien maktuħ il fuk Malta bil

Gzejjer taħħa tibka issaltan l'Inghilterra bis-setgha collha: u sata uieħed ighid li dic is-setgha fuk Malta chienet gejja tas-seu minn zeuġ ghejjun cbar—l'imħabba tal Maltin u ix-xeuka tal Europa.

Fit-2 ta mejju 1814, ħareġ bandu tal Gvern biex fil Gzira issir festa ghar-rebħa tan-Nazzionijet mif-themin bejniethom u biex jirtadd minn cull ħadd ħajr ll'Alla, ghax Hu biss imexxi dac li jiġri fid-dinja.

82. ***Malta art ingliza.***—Mela, fl'aħħar, sirna *art ingliza:* izda mhux *art ingliza* bħalma chienu ighidu dari u chif ghandu f'moħħu cull ħadd, jigifieri *sehem mil poplu ingliz li jokghod Malta, fejn ighix taħt il ligijet tal Inghilterra;* izda bit-tifsira ta *pajjiz li ghandhom l'Inglizi barra mis-Saltna maghkuda taħhom u li jibka jitmexxa b'ligijet ghaliħ.*

Malta ucoll, bħall *artijet inglizi* l'oħra, kieghda taħt Gvernatur : u dan—barra minn More O'Ferrall, li dàm haun mis-sena 1847 sas-sena 1851 — dejjem chien Cap tal Poplu u Cmandant tat-truppi. Il Gvernatur jidher ghar-Re, li jibaghtu jiccmanda f'locu u actarx igib mighu l'ordnijet chif ghandu jiggverna daun il Gzejjer.

Sas-sena 1849, il ligijet ta Malta ma chienux jistghu jaghmluhom ħlief il Gvernatur fl'isem tar-Re, il Coruna u il Parlament, ghax dac il Consill li chien sar fis-sena 1835 u li chien jista jinġama mita jogh-ġbu isejjaħlu il Gvernatur ma chellux ghajr is-setgha li jati il parir tighu. Dan il Consill chien fih tmienja min-nies : il Gvernatur, l'Arciskof ta Malta, il General, l'Euuel Imħallef, is-Segretariu tal Gvern u tliet

persuni oħra maghzulin mil Gvernatur fost il għonja u in-neguzianti tal Gzira (33).

*83. L'euuel tibdil (mis-sena 1814 sas-sena 1835).*— Sir Thomas Maitland, mita ħa f'idejħ il Gvern tal Gzejjer, chien uighed dauc it-tisuijet li chellhom bzonn il Maltin, scond chif chienu ġarbu fl'imghoddi u scond chif chien jitlob it-tibdil taz-zmenijet, biex jeħdu sehem, *mil hena, mil għàna, mil kauua u mir-rizk li għandhom ix-xorti igaudu, f'cull naħa tad-dinja, is-sùdditi collha tal Inghilterra.* Izda, mil banda il uaħda, il pesta li giet infexxet haun ma ħallietux jati bidu ghal dac it-tibdil li chien l'actar meħtieġ; u, mil banda l'oħra, Thomas Maitland, ghad li chien ragel tad-dehen u ma chien jirħiha lil ħadd—chif, in fatti, chienu kalghulu il lakam ta *King Tom*, jigifieri *ir-Re Tumàs*—chellu f'moħħu li, biex ħaġa tirnexxi, mhux biz-zejjed li tcun tajba fiha in-nifsha, imma trid tara chif jaħsbuha dauc li tmiss lilhom, ħalli takbad chif actarx jeħduha.

*84. Il Krati.*—Il Krati li chien haun fi zmien is-Slaten reġghu bdeu jaħdmu malli telku il Francisi. Izda, chif chienu jimxu, il Maltin ma chellhomx fidi fihom: l'actar ghax il Gvern chellu is-setgha fukhom, ħaġa li xejn ma chienet takbel mal ligi ingliza.

---

(33) L'Arciskof (Monsinjur Caruana) gieħ l'ordni minn Ruma li ma jeħux sehem f'dac il Consill, ghax chien jista jiġri li fiħ isir xi ħaġa contra id-drittijet tal Cnisja; u, imħabba f'hecc, il Consill dàm ma bida jinġama. Il Consilieri chienu jissejħu *Onurabbli* sa chemm idumu ghandhom sehem fil Consill.

Digià ghedna li, fi zmien Oakes, l'oghla Maltin chienu tchellmu fuk daun il ħuejjeġ, fejn l'actar chienu talbu biex il Gvern ma jindaħalx fil Hakk u biex chiecu icollhom il Giurì. Issa uieħed mill'euuel ħsiebijet ta Maitland chien dac li ghandu iseuui il ligijet taċ-Civil, tal Cummerċ u tal Crimnal; li jaghzel ghal-collox is-setgha ta min jaghmel il Hakk minn ta min joħroġ il ligi u minn tal Polizìa; li jaghmel ligi ġdida, biex l'Imħallfin ma icunux jistghu jitneħħeu minn posthom; li jinza mis-setgha li chienu ħadu il Grammastri ghalihom u li chienu bakghu izommu il Cumissari Inglizi, biex jiflu u jecc jidhrilhom iġarrfu is-sentenzi tal Krati, scond ma chienu ighidulhom l'Audituri, minn xi dakkiet mixtrija; u li f'xejn ma tintisa dic il libertà, tant imfaħħra fil Hakk tal Inghilterra.

Izda l'acbar ħaġa fost it-tibdil collu chellha tcun id-daħla tal Giurì: u cull ħadd ghandu jifhem li chien hemm bzonn ta uisk rekka f'din il biċċa. Il Giurì chien imdaħħal Malta fis-sena 1815: izda ma chellux saħħa ħlief biex jakta il cauzi tal furbani makbudin fl'ibħra li chienet taghmel minnhom il Korti tal Armirall Ingliz. Imbaghd, fis-sena 1829, bida jokghod mita il Korti chien icollha mitluba mil ħatja il piena tal meut jeu tal ħabs ghal ghomorhom.

85. *Tiġrif tal Municipiu.*—L'Universitajet ta Malta u Ghaudex, imkannrin kajla-kajla mil Grammastri, sa chemm neħħieulhom cull setgha li chellhom, barra minn dic li jaħsbu ghall ħuejjeġ tal ichel, tista tghid li ma chienx baka ħlief id-dell tal jedd taħħom. Izda, ghalavolja chif chienu migiubin fix-xejn, ma ghoġbux lil Maitland, ghax deherlu li chienu contra

il ligi ingliza ghal-collox. Biex ineħħihom f'dakka, chienet ħaġa tkila u cherha, ghax il Maltin chienu ighozzuhom uisk u chienu jixtieku jarauhom imxettlin u kauuija, bħalma chienu tauhomlhom ir-Rejjet t'Aragona u ta Skallija. Izda, b'dan collu, ghad li minghajr herra, fl'aħħar riedha tghaddi tighu. Neħħa l'Universitajet fil bidu tas-sena 1819: u, f'lochom, ghamel Cumissioni biex taħseb ghall ħazna tal ħuejjeġ tal ichel, il gid u ir-renti tal Universitajet ghakkadhom mal Caxxa tal Gvern u sejjaħ zeuġ Magistrati, uieħed ghal Malta u iħor ghal Ghaudex, biex jinducrau it-tallaba, chif chienu jaghmlu il Giurati.

Hecċ ucoll, fl'4 ta novembru 1822, neħħa ghal-collox il Cumissioni li chien ghamel ghall ħazna tal ħuejjeġ tal ichel, ghax, ghad li fuk kalbu, fl'euuel ta lulju ta dic is-sena, chien reħa lill Poplu il cummerċ tal kmuħ li chien ilu mijet tas-snin f'idejn il Gvernijet ta Malta: u dic il Cumissioni ma chellhiex x'taghmel izjed.

86. *It-Taghlim.*—Chif chien tħalla l'ura it-taglim tal Poplu fi zmien l'Ordni, messu ikankal l'akua ħrara tal Gvern il ġdid. Imma, fi zmien Maitland, ma 'nsibu li sar xejn ħlief il Cumissioni tal 1823, biex tifli jecc li studiu tal Università chienx sejjer chif chienu jitolbu iz-zmenijet. Fuk li schejjel tazzghar u tal isfel mill'Università, xejn.

Maitland miet fis-7 ta jannar 1824: u il Marchis ta Hastings, li sar uarajħ Gvernatur ta Malta, raġa mess li studiu tal Università u uakkaf Consill ghaliha, li hu stess chien imur fiħ u jokghod bħala President tighu. Dan il Consill chellu is-setgha li jifli

tajjeb it-tisuijet li chellhom jintaghmlu f'li studiu u li jibka jara x'jixrak jitbiddel ma tul iz-zmien fit-taghlim tal Poplu.

87. *Ir-Renti.* — Fis-sena 1813, in-nefka cbira li inkalghet u in-nukkas tad-dħul tar-renti li giebet il pesta ġaghlu il Gvern jissellef mitejn-u-sittax l'elf scut, li chellhom jirtaddu fi zmien ta sena, b'li mghax tal uieħed fil mija cull xahar.

Imtessu ucoll it-tariffi tad-Duana: izda minghajr ebda ħsieb li jitkabbez ix-xoghol taghna kuddiem tal barranin.

Fis-sena 1804, Ball chien ghamel taxxa fuk id-djar u ir-raba, li bdeu iħallsu tlieta u terz fil mija, cull mita ighaddu minn sid ghal iħor: imma, fis-sena 1832, din it-taxxa — billi chienet saret biex jitħallsu id-djun tal guerra u djun ma chienx baka — tnizzlet fi tnejn fil mija.

88. *Militar u Polizìa.*—Sas-sena 1815, chien ghad haun tliet riġmenti maltin, li chienu jisimhom *Provincials*, *Veterans* u *Coast Artillery:* imma, f'din is-sena, f'lochom sar riġment uieħed, li ħa l'isem ta *Royal Malta Fencibles*. Il Maltin chellhom ucoll id-dritt li jidħlu fir-riġmenti inglizi ta Malta, b'li stess pattijet tan-nies l'oħra taħħom.

Issa, fi zmien is-Slaten, il Cmand tal Polizìa chien maksum bejn il Castellàn, bejn il Captan tal Virga, bejn l'Imħallef tal Crimnal u bejn l'Avucat tal Coruna ta Malta u ta Ghaudex, cull uieħed minnhom bis-setgha tighu: izda, minghajr xejn dubiu, dan it-tkassim ma chienx jista imexxi il Cmand tajjeb. Ghal hecc, mela, fis-sena 1814, il Polizìa collha giet

maksuma f'zeuġ ferghat: l'*esecutiva*, taħt idejn li Spettur General tal Polizìa; u il *giudiziaria*, taħt l'ordnijet tal Magistrati.

Fis-sena 1826, is-saħħa tal Gzejjer giet mirħija f'idejn Cumitat, imsejjaħ tas-*Sanità*: u dan il Cumitat chien t'erbgha min-nies, bil Gvernatur stess President taħħom. Mita ma chienx icun jista il Gvernatur, chien jokghod f'locu il Fizzial ta uarajħ.

*89. Tghakkìd tal ligijet.*—Fil 5 ta novembru 1831, ħilli Sir John Richardson, imħabba saħtu, ma chienx laħak ghakkad il ligijet li chellu jaghmel, ir-Re Guliermu Erbgha uakkaf Cumissioni biex taghmilhom hi: imma, fid-19 ta mejju 1834, din il Cumissioni reġghet inħallet minghajr ma chienet ghamlet dmirha; u, fit-13 ta novembru tal istess sena, saret Cumissioni oħra minn f'locha. Din l'aħħar Cumissioni (34) chellha thejji ligi taċ-Civil, ligi tal Cummerċ, ligi tal Crimnal u zeuġ ligijet oħra fuk chif ghandhom jitmexxeu il Krati taċ-Civil u tal Crimnal: u cull ligi minnhom, scond l'ordni tar-Re, chellha tcun maghmula bit-Talian u meħuda minn fuk l'aħjar ligijet ta barra, izda minghajr ma tuakka id-drittijet u id-drauuiet li chien haun Malta.

*90. Il Cnisja.*—Chif digià chienu ghamlu Pigot u Cameron, hecc ucoll Maitland, fl'isem tal Princep li chien jiggverna l'Inghilterra, sgura il Maltin li ghandu

---

(34) In-nies ta din il Cumissioni chienu l'Avucati Maltin: Claudiu Bonnici, Ignaziu-Gavinu Bonavita, Giuseppe Falzon, Flippu Torreggiani u Frangiscu Chapelle.

*ħallihom jaghmlu ir-Religion taħħom u li jibka imantni id-drittijet tal Cnisja.*

Izda, biex ilakka id-drittijet li chellha il Cnisja ghall ħuejjiġha ma dac li chien jitlob il Cummerċ, ghamel ligi fis-sena 1822—tista tghid meħuda minn dic li chien haun fi zmien Federicu ta Svevia—fejn il Gvern giè ghandu il jedd li jeħu lill Cnisja chemm djar u raba tired, jecc ma tneħħihomx geuua sena.

Hecc ucoll, fis-sena 1828, biex jitlakkghu flimchien id-drittijet tal Cnisja u tal Hakk, l'actar billi fil Gzejjer ma chienx baka Religion uahda, tneħħa il jedd tal ħatja li ma jistghux jinkabdu jecc imorru jokoghdu fi Cnisja, il Korti tal Iskof ma tħallietx ħlief ghall cauzi ta fuk ħuejjeġ tar-ruħ bejn il Cattòlici u il Cleru tkighed taħt il Hakk tal Gvern, ghal dauc li m'humiex quistionijet tal Cnisja. Imma, f'li stess zmien, biex l'Iskfijet jibkaghlhom il jedd collu tas-setgha taħħom, sar fil ligi li huma ma jistghu jiġu katt imħarrchin fil Korti tal Crimnal.

Mita ir-Rejjet ta Skallija ma bakghux sjed din il Gzira, inkas ma bakaghlhom il jedd li jindaħlu fil ghazla tal Iskfijet taħħa: l'aħħar uieħed li zamm dan il jedd chien Ferdinandu Erbgha, fis-sena 1807, mita sar l'Iskof ta Malta Ferdinandu Mattei (35).

---

(35) Minn dac iz-zmien il-haun, daħal l'uzu li, kabel ma 'ssir il ghazla tal Iskfijet ta Malta u Ghaudex, is-Segretariu tal Papa igharraf isimhom lill Gvern tal Inghilterra, biex jara ghandux x'ighid fihom; u, f'marzu tas-sena 1890, sar ftehim bejn is-Segretariu tal Papa u il General Simmons, li chien mibghut Ruma mir-Regina fuk din il biċċa, biex, minghajr ma timtess is-setgha tal Papa, l'Iskfijet ta Malta u Ghaudex

Ghal hecc, mela, chien jaħtieġ li l'Arciskof ta Paliermu ma jibkax jaghmel mil Cnisja u mill'Iskof ta Malta : u il Papa Gregoriu Erbatax, b'ittra li ħareġ minn Ruma fil 20 ta ġunju 1831, ordna li il Cnisja u l'Iskof ta Malta ma jaghmel ħadd izjed minnhom ħlief li stess Papa.

*91. Il meut ta Gioṙġ Tlieta u ta Gioṙġ Erbgha.*—Fit-3 ta marzu 1820, il Gvern ta Malta nieda il meut ta Gioṙġ Tlieta, li digià chien ilu mejjet mid-29 ta jannar ; u, tliet ti jem uara, il Gvernatur, imdauuar bil Cbarat tighu u bl'oghla Maltin, xandar it-telgha ta Gioṙġ Erbgha, bin il mejjet, fuk it-tron tal Inghilterra.

Imbaghd, fis-26 ta ġunju 1830, miet Gioṙġ Erbgha : u it-telgha ta ħuħ Guliermu fuk it-tron giet imxandra mil Gvernatur ta Malta, gheluk ix-xahar, bħal kabel.

*92. It-tieni tibdil (mis-sena 1836 sas-sena 1848).* — L'euuel tisuija, biex nghidu hecc, zammet il mizien bejn l'ebusija tal Grammastri u bejn il uisgha li cull ħadd chien jittama mil Gvern Ingliz, ghax Maitland, chif ucoll il Gvernaturi ta uarajħ, li, bejn uieħed u iħor, imxeu fuku, chellu f'rasu—scond ma sibna f'ħajja tighu—li fil moghtijet tal libertà hemm bzonn tmur bil-kajla. Seuua xi ligi haun u hinn, izda minghajr ma ħareġ dic il ghakda ta ligijet li chienet tinħtieġ.

---

jinaghzlu bil piacir tal Inghilterra. — Fis-sena 1864, Ghaudex bida icollu Iskof ghaliħ, minghajr ebda setgha fl'Iskof ta Malta fuku : u, fis-sena ta uara, ħarget ligi biex tati lill'Iskof ta Ghaudex li stess privileggi tal Iskof ta Malta u taghraf il Korti tighu, bħalma taghraf il Korti tal Iskof f'din il Gzira.

Xejn ma ħabrec ghat-taghlim, specialment taz-zghar: u id-daziu mar ghamlu fuk il ħuejjeġ l'izjed mexxejja. Ghal hecc, chienet saret lakgha bejn l'akua Maltin, fejn, b'ittra mibghuta lill Parlament, intalab li jituakkaf Consill biex iħares il bzonnijet tal Gziral—i tigi li stampa libra—li joctor it-taghlim—li jisseueu it-tariffi tad-duana—u li ifittxu jintaghmlu il ligijet imueghda.

Billi it-talb tal Maltin sab min uieznu fil Parlament, Guliermu Erbgha baghat haun, fil 10 ta settembru 1836, il John Austin u il Giorġ Cornewall Lewis, sabiex jiflu chif chien li saru dauc it-talbiet u x'chien hemm bzonn jitbiddel fil Gvern tal Gzejjer—*ħalli*, kal ir-Re, *incunu nisthu insaħħu il fehma tajba li ghandna f'moħħna u inkanklu il hena u il gid tas-sùdditi taghna maltin.*

*93.* *Ir-Renti.*—L'euuel tibdil li sar, scond il parir taz-zeuġ Cumissari Inglizi, chien fil ligi tad-Duana. Isseueu it-tariffi, biex il Cummerċ icun libru ghalcollox: imma id-daziu tħalla fuk il ħuejjeġ l'izjed mexxejja, ghax dehrilhom li tiġri ħsara cbira jecc ittaxxi jibdeu jitħallsu mn'idejn il Poplu; u li id-daziu fuk il ħuejjeġ ta bla bzonn, ghad li chien xierak jittieħed actar minn fuk il ghònja jeu minn fuk il fokra, imchien ma jati chemm jaħtieġ il Pajjiz, aħseb u ara f'Malta. Frattant, fis-sena 1837, tneħħeu id-dazijet irkak; u, fis-sena 1845, inkatghet it-taxxa li chienu iħallsu id-djar u ir-raba mita ighaddu minn sid ghal iħor.

*94.* *It-taghlim.*—Hecc ucoll, scond il parir li tau dauc iz-zeuġ Cumissari, sar ħafna tibdil f'li schejjel tal Università, li giet imkassma f'erba ferghat ( Filosofìa, Teologìa, Ligi u Medicina ); u f'li schejjel tal

Liceo. Fis-sena 1839, inħadmet il ligi fuk it-tmexxija tal Università u tal Liceo ; u, f'li stess uakt, tuakkfu il Cumitati u il Consill taħħom.

Sa chemm geu Malta iz-zeuġ Cumissari, ma chienx haun ħlief tliet schejjel ghaz-zghar : uaħda il Belt, uaħda l'Isla u l'oħra Ghaudex, li ftit uisk chienu imorru tfal fiha. It-taghlim li chien isir f'daun it-tliet schejjel chien niekes u ħazin. Izda il Cumissari, li ma setghux ma jittendux b'din il ħaga, tau il parir li jizdiedu li schejjel, chif chienu jitolbu iz-zmenijet ; u, biex il misserijet, l'actar il fkar, jitħajjru jibaghtu l'uliedhom, it-taghlim f'li schejjel collha taz-zghar bida isir b'xejn. Daun li schejjel intaghtau f'idejn ir-Rettur tal Università : imma biex ifisser id-Dutrina chien imsejjaħ il Cappillan tal post.

95. *Stampa libra.*—Haun ucoll, bħal bnadijet oħra, cull ħaġa stampata chienet trid tghaddi mn'idejn in-nies tal Gvern. Fi zmien il Grammastri, scond il ligi ta De-Rohan, l'Avucat tal Ordni chellu *jifli il cotba collha li chienu iridu jidhru stampati: jecc isib fihom xi ħaġa tal ħsara, jicteb il cundanna taħħom u jibaghtha lill Vici-Cancellier; imma, jecc isibhom mexxejja, jati ix-xhieda tighu biex toħroġ is-sensja.*

Imbaghd, taħt l'Inglizi, cull ħaġa lesta biex tidher stampata chienet trid tghaddi mn'idejn is-Segretariu tal Gvern jeu mn'idejn persuna oħra maghzula minnu.

Iz-zeuġ Cumissari, biex jaktghu ix-xeuka tal aħjar Maltin, uara taħbita ma dauc li bla ragiun ma riedux din il ħaġa, tau il parir li tigi li stampa libra : u, billi il Ministru tal Inghilterra ħasibha bħalhom, fis-sena 1839, ħarget il ligi, li 'mbaghd giet mimsusa

fis-sena 1889, biex li stampa tcun libra, imma jitrazznu dauc li joħorġu mit-triek tal libertà taħħa.

*96. Il Polizìa u is-Sanità.*—F'daun iz-zeuġ ferghat tal Gvern sar ucoll tibdil li chien hemm bzonnu : u, biex tcun izjed imfissra is-setgha tal Polizìa fuk l'artijet tal Gzira, fis-sena 1839, il Campanja ta Malta giet imkassma, chif ghadha sa 'llum, f'seba distretti: l'euuel uieħed, fiħ l'Imdina, ir-Rabat u ħad-Dingli ; it-tieni, ħaz-Zebbuġ u is-Siggieui ; it-tielet, Birchircara, ħ'Attard, ħal Lìa u ħal Balzan ; ir-raba, in-Naxxàr, il Mosta u ħal Gharghur ; il ħames, ħal Kormi, ħal Luka, ħat-Tarxien u Raħal-ġdid ; is-sitta, iz-Zurriek, ħal Safi, ħal Chircopp, il Krendi u l'Imkabba ; u is-sebgha, iz-Zejtun, ħaz-Zabbàr, ħal Ghaxak u il Gudia.

Cull distrett minn daun tkighed f'idejn *Sindcu* (36).

It-tmexxija tal Quarantina u tal Polizìa tal baħar inaghkdu flimchien, bl'isem ta *Fargha tal Quarantina u tal Polizìa tal baħar.*

Mita geu il Cumissari tal 1839, ir-Riġment Malti, li chien fiħ ħames-mit Suldat u erbgha-u-ghoxrin Fizzial, ma chienx kighed seuua ghas-servizz tal Militar: imma chien jaghmel id-dmirijet tal Polizìa. Imħabba f'hecc, il Cumissari chienu kalu lill Ministru biex

(36) Fi zmien il Grammastri, il Polizìa tar-rħula chienet ucoll f'idejn is-Sindchijet : u fil ligi ta De-Rohan insibu x'chienu id-dmirijet taħħom.

Is-Sindchijet tneħħeu ghal-collox fis-sena 1896. Ghal dac li hu Hakk, daħlu f'lochom il Magistrati tal Polizìa ; u id-dmirijet taħħom l'oħra tkassmu bejn nies oħra ta mal Gvern.

ineħħiħ. Izda il Gvernatur (Sir Henry Bouverie) ma chienx tal istess fehma: u, bit-tħabric tighu, ir-Riġment ma tneħħiex; anzi, chif chien jixtiek il Poplu, tħalla ghad-dmirijet tighu, biex jeħu sehem fis-servizz militar tal Gzira.

97. *Il Cnisja.*—Il Cnisja u il Gvern bakghu igiburuħħom ma xulxin, chif ghadhom sa 'llum, scond l'euuel tisuija. Cull ħadd jimxi ghaliħ fit-triek tighu, bħalma titlob is-setgha taħħom.

Fit-13 ta jannar 1838, saret ligi li min icun maghzul minn Nazzion oħra biex igaudi xi post jeu xi benefizziu fil Cnejjes ta daun il Gzejjer, ma jistax jidħol fit-tgaudija sa chemm il ghazla tighu ma tcunx ghaddiet mil Gvernatur ta Malta.

98. *Tisuijet oħra.*—Saru tisuijet oħra fuk il Krati, fuk il Lochijet tal Carità u fuk l'ufficini tal Gvern.

Il Gvernatur ta Ghaudex, li chien jinbghat minn zmien is-Slaten, tneħħa fis-sena 1814: imma, fis-sena 1823, intaghta l'isem ta Tenent-Gvernatur lill'oghla impiegat tal Gvern f'dic il Gzira. Tarġa, 'mbaghd, fis-sena 1838, billi l'oghla impiegat ta Ghaudex ma tħallietlux ħlief it-tmexxija tal Polizìa, tneħħielu ucoll l'isem ta Tenent-Gvernatur.

Scond ic-*Cens* (ghadd tan-nies) li sar fis-sena 1842, Malta chien haun mit-elf, mija-u-sebgha-u-ħamsin ruħ (100,157); u Ghaudex erbatax-l'elf, tliet-mija-u-tnejn-u-erbghin (14,342).

99. *Il meut ta Guliermu.* — Billi, fil 20 ta ġunju 1837, miet ir-Re Guliermu Erbgha, il Gvernatur ta Malta, imdauuar bil Cbarat tighu u bl'aħjar Maltin, xandar, fis-17 tax-xahar ta uara, li f'loc zijuha chienet laħket il uerrieta tighu Alessandrina-Vittoria: u din

saltnet fuk tlieta-u-sittin sena, *bil ħleuua ta regina tajba u ta mara seuua, li,* chif ighid il Cantù, *hi l'isbaħ xhieda moghtija mir-Rejjet lid-dinja.*

*100. Richard More O'Ferrall.* — Iz-zeuġ Cumissari, ghad li ghamlu bosta tisuijet fit-tmexxija tal Gvern, ma ħalleux il Maltin cuntenti chemm chienu jistenneu: u imħabba f'hecc bdiet titnissel f'cull ħadd ix-xeuka li il Cap tal Gvern u il Cmandant tal Militar ma icunux li stess persuna, sabiex il Gvernatur, meħlus mil ħsieb ta dmirijet oħra, jaghmel aħjar il bzonnijet ta Malta. Ir-Regina, l'actar billi chienet taf li il Maltin ma satax icollhom min jidher ghalihom, semghet it-talba taħħom: u ghazlet bi Gvernatur Civil ta Malta l'Onurabbli Richard More O'Ferrall, li bida jiggverna daun il Gzejjer fit-18 ta dicembru 1847.

Barra minn dan, ir-Regina, *chif chienet miġbuda b'kalbha collha lejn il Maltin, li, mita bil ħeġġa cbira taħħom chienu ghoddhom ħelsu minn cull ħacma barranija, riedu juru it-tàma li chellhom fl'onur u fit-tieba tal Inghilterra, billi fdaulha, quasi bla pattijet, l'eghzez interessi taħħom,* riedet li *cullma il Maltin chienu iħobbu u chienu ilhom igaudu minn tant zmien fil Gvern u fir-Religion jigi 'mħolli chif jinsab; u li ma ghandhomx isiru ħlief dauc it-tisuijet li jinħtieġu ghall'aħjar, scond iz-zmien u it-tibdil li jiġri, imma dejjem chif iħoss u chif jifhem il Poplu, ghax collox hu maghmul ghall gid tighu* (37).

*101. It-tielet tibdil.*—*Il Maltin,* tghid l'ittra li ghadna chemm semmejna, *jaħtieġ mn icollhomx min jidher*

---

(37) Hecc tghid ittra tar-Regina, mibughta mill'Inghilterra fis-26 ta novembru 1847.

*ghalihom, bħalma ghandhom tant u tant sùdditi oħra tar-Regina:* imma, ghad li chien intkal hecc ghax l'Inghilterra chienet ghadha tkila biex tiftaħ idejha maghna u chienet saħansitra tibza li bil moghtijet tal libertà tista titlef il Gzira, 'mbaghd, mita giet it-tieni tisuija—fejn cotru li schejjel, ħarget li stampa libra u bdeu jintaghtau l'oghla postijet lill Maltin—inbdiet it-triek ghat-tielet tisuija, jigifieri ghal dac il Consill, li chien ilu jintalab ħamsin sena lill'Inghilterra.

*102. Setgha biex isiru il ligijet.*—B'ittra tar-Regina, mibughta fil 11 ta mejju 1849, tuakkaf il *Consill tal Gvern ta Malta*, li ghandu is-setgha jaghmel ligijet ghall paci u ghat-tmexxija tajba ta Malta bil Gzejjer taħħa, basta ma icunux contra il ligijet tal Inghilterra jeu contra l'ordnijet tal Coruna li imissu daun il Gzejjer. (Dan hu il *Consill Legislativ*).

Il Consill chien ta tmintax ir-ruħ: il Gvernatur, disa capijet oħra maghzulin mir-Regina (sehem tal Gvern) u tmien Consilieri maħturin cull ħames snin min-nies ta Malta (sehem tal Poplu).

L'ittra tar-Regina li giet fil 11 ta mejju 1849 u ir-Regulamenti fuk it-tmexxija tal Consill li geu maħħa, tniedeu haun Malta fit-23 ta ġunju tal istess sena. Mis-16 sal 20 t'auuissu, saret l'euuel ghazla tal Consilieri tal Poplu ; u fit-8 ta jannar 1850 saret l'euuel lakgha tal Consill.

L'akua tibdiliet li chellha il ligi tal 1849 chienu dauc li 'ntaghmlu b'ittri tar-Regina fit-12 ta dicembru 1887, fit-2 ta frar 1893 u fis-16 ta dicembru 1898. Scond daun l'ittri, il Consill fiħ il Gvernatur, li hu il President tighu ; Vici-President, li jinħtar mil Curuna; sitt Membri tal Gvern u tlittax tal Poplu, li jinaghzlu

cull tliet snin, bil voti tan-nies li jokoghdu f'daun il Gzejjer.

Is-sitt Membri tal Gvern huma: is-Segretariu principal tighu, l'Avucat tal Coruna u erba Capijet oħra li jiġu maghzulin jeu ghall' inkas imuettkin mil Coruna.

It-tlittax tal Poplu iressku ghaxra minnhom, uieħed cull uieħed, il ghaxar distretti li fihom tkassmu il Gzejjer; u it-tlieta l'oħra jinħtaru uieħed minn fost in-Nobbli u nies oħrajn tar-renti, uieħed minn fost il Lauriati tal Università ta Malta u uieħed minn fost in-Neguzianti tal Borza (n).

Biex tati il vot ghall Consilieri, irid icolloc uieħed-u-ghoxrin sena maghluka, trid tcun sùdditu ingliz u jecc ma tcunx tħallas chira trid tcun mictub Giurat jeu ghandec il jedd li tcun mictub.

Jistghu, 'mbaghd, isiru Consilieri dauc li ghandhom tant renta jeu iħallsu tant chira, ghandhom jeu jistghu icollhom il vot u m'humiex irruftati mil ligi tal Consill.

Il ligi tal Consill tirrofta:

il min hu kighed mal Gvern—il min hu iccundannat fuk ħtijet cbar—il min hu fallut—il min hu miġnun—il min hu fil Cleru—u il min hu mghejun

---

(n) Fit-3 ta ġunju 1903, ir-Re Duardu Sebgha, bil parir tal Ministru Chamberlaine, neħħielna ghal-collox dac li chienet tatna Ommu fl'1887 u reġġghana ħamsin sena l'ura, billi raġa uakkaf il ligi tal Consill li chienet gietna fl'1849, anzi stringiha uisk izjed milli chienet. Illum nistghu nghidu li ma ghandniex actar Consill, ghax il Gvern ghandu voti izjed mil Poplu u tghaddi dejjem tighu.—G.M.A.

b'xi carità tal Gvern jeu chien mghejun sa ħames snin l'ura (38).

*103. Setgha biex jitmexxa il Gvern.*—Cap tas-setgha li tmexxi il Gvern hu il Gvernatur, li jiccmanda ucoll il Militar: imma, fl'24 ta mejju 1881, tuakkaf il *Consill Esecutiv*, li fiħ jokoghdu il Capijet tal Gvern, biex il Gvernatur jeħu il parir taħħom fit-tmexxija tas-setgha tighu; u, mis-sena 1887 il-haun, f'dan il Consill jistghu jidħlu ucoll tliet Consilieri tal Poplu, jecc jiġu mghajta mil Gvernatur.

*104. Setgha biex jimxu il Krati.*—Is-setgha tal Hakk kieghda biss fil Krati, li huma 'mkassma f'*Superiuri* u *Inferiuri* (*Cbar* u *Zghar*).

Il Krati *il cbar* huma daun: taċ-Civil, li tinsab mifruda f'zeuġ ferghat; tal Cummerċ, li mill'euuel ta lulju 1891 il-haun taghmel ucoll il cauzi tal Armiraljat; tal Appell, seuua miċ-Civil u seuua mil Cummerċ; u tal Crimnal, li fil cauzi collha taħħa tokghod ma Giurì ta disgha min-nies.

Il Krati *iz-zghar* huma dauc tal Magistrati.

Fil Krati *il cbar* jokoghdu, chif tghid il ligi, il President u l'Imħallfin l'oħra tal Coruna, li jiġu maghmulin mil Coruna stess; fil Krati *iz-zghar*, jokoghdu il Magistrati li jiġu maghmulin mil Gvernatur.

Scond il ligi tal 1828, il Krati tal Cnisja (imsejħin *Korti* jeu *Curia tal Iskof*) ma ghandhomx setgha ħlief

---

(38) In-nies tal Cleru ma setghux jitilghu izjed fil Consill b'ordni tar-Regina li giè fit-30 ta lulju 1857. Imbaghd, fid-29 t'april 1870, uara li dehret il fehma tal Poplu bil voti li 'ntaghtau fuk din il biċċa, reġghu bdeu jitilghu; u, fis-16 ta dicembru 1898, reġghu tnizzlu minn ġdid.

fuk ħuejjeġ tar-ruħ, bejn il Cattòlici ; u ebda Korti tal Cnisja ma ghandha saħħa fil Ligi, jecc m'hix imkeghda mill'Iskof, bis-sensja tal Cap tal Gvern ; chif ucoll ħadd ma jista jaghmilha ta 'Mħallef fil Korti tal Cnisja, jecc ma icunx sùdditu ingliz, maghzul mill'Iskof u imuettak mil Cap tal Gvern, li, mita ma igibx-ruħu seuua, jista ineħħieħ.

*105. Ligijet taċ-Civil.* — Il Cumissioni tal 1834 chienet marret fix-xejn u il ligijet taċ-Civil bakghu ma sarux : imma l'Avucat tal Coruna Sir Adrian Dingli, mis-sena 1856 sas-sena 1869, daħħal dauc il ligijet uaħda-uaħda u fin-nisġa taħħom zamm dejjem b'mera l'aħjar ligijet ta pajjizi oħra, chif chellha taghmel il Cumissioni li semmejna, bla katt ma nesa, fejn chien xierak ma jinsihomx, id-drauuiet ta daun il Gzejjer.

*106. Ligijet tal Cummerċ.*—Hecc ucoll conna bkajna minghajr il ligijet tal Cummerċ li chellha taħdem il Cumissioni maghmula mir-Regina fis-7 t'auuissu 1848 (39), ghax ix-xoghol li tlesta fis-sena 1853, fejn chien imess id-drittijet ta fuk il baħar, ma ghoġobx lill Ministru : imma, 'mbaghd, saru uaħda uara l'oħra, bħal taċ-Civil, fis-sena 1857 u fis-sena ta fukha.

*107. Ligijet tal Crimnal.*—Chien hemm, fl'aħħar, il ligijet tal Crimnal li chellha thejji dic il Cumissioni tal 1834. Ir-rapport taħħa chien imxandar sentejn uara, raġa 'mtess fis-sena 1842 u fis-sena 1848 gie mifli bir-rekka collha mill' Avucat Scucciz Andrew

---

(39) Il Cumissioni tas-7 t'auuissu 1848 chien fiha daun in-nies : l'Imħallef Frangiscu Chapelle, l'Avucat tal Coruna Tonin Micallef u l'Avucati Ġan-Patist Mifsud, Antoniu-Maria De Bonu u Paulu Sciortinu.

Jameson; imbaghd, ghadda mil Consill tal Gvern ; u, fil 10 ta ġunju 1854, sar Ligi. Imma din il ligi, maksuma f'zeuġ ferghat, il uaħda fuk il ħtijet u il puieni taħħom u l'oħra fuk chif ghandha timxi il Korti fihom, reġġhet imtesset bosta drabi.

*108. Ligi fuk it-tmexxija tal Krati taċ-Civil.* — Cumissioni oħra, maghmula mir-Regina flimchien ma dic tas-7 t'auuissu 1848 (40), lestiet fis-sena 1850 il ligi fuk it-tmexxija tal Krati taċ-Civil (*Procedura Civili*): u din il ligi, uara li giet miflija mill'istess Jameson, ghaddiet mil Consill tal Gvern u bdiet tcun imħàrsa fl'euuel t'auuissu 1855. Imma hi ucoll reġghet imtesset haun u hinn bosta drabi.

*109. Ir-Renti.*—Id-dħul tal flus fil Caxxa tal Gvern jigi mir-renti tal bèni li ghandu u mit-taxxi.

Il biċċa il cbira tal bèni li ghandu il Gvern huma dauc li chienu tal Ordni u li bakghu f'idejħ, bħala uerriet tighu.

Bejn uieħed u iħor, il Gvern ghandu mit-tlieta uaħda tal bini u tar-raba collu li haun fil Gzejjer. Fissena 1877, chien haun min kal li il bini u ir-raba tal Gvern imissu jinbieħ, bħalma isir daz-zmien bnadijet oħra, halli il flus li igib jinsilfu lil xi Gvernijet ta barra u jatu mghaxijet acbar, fil uakt li jeħelsu il Caxxa ta Malta min-nefka li trid biex izzomm iddjar u ir-raba: imma il biċċa ma marretx il-kuddiem.

---

(40) Din il Cumissioni l'oħra tas-7 t'auuissu 1848 chien fiha daun in-nies: il President Ignaziu-Gavinu Bonavita, l'Avucati Mifsud u De Bonu li digià semmejna kabel u iz-zeuġ Avucati Ġanni Conti u Ġan-Paul Camilleri.

Issa, din is-sena li aħna fiha (1899), saret taxxa ġdida b'ordni tar-Regina: irridu nghidu it-taxxa tal *boll*, jigifieri il marca li jigi ibieħ il Gvern biex titkighed fl'attijet li jaghmlu in-Nutari, fil copji li jatu minnhom, fil carti cambiali u f'carti oħra mictuba (41).

*110. Is-Sahha.*—Fost il ħuejjeġ li saru fi zmienna biex tcun inducrata tajjeb is-Saħħa taghna, jixrak insemmu il ligi tal 1869. Din il ligi, li bdiet tghaddi mis-sena 1872, neħħiet id-dfin tan-nies minn geuua l'erba ti bliet u minn geuua il Furiana—ħaġa li chien ried jaghmilha, ghad li ma uasalx, is-Sultan De-Rohan: u hecc, ghall'inkas f'daun il lochijet, reġghet bdiet tigi imħàrsa dic il ligi antica tal Cattòlici li ma tridx dfin geuua il Cnejjes (42). Forsi, sa fl'aħħar, mita in-nies jifmuha, il Gvern, b'gid cbir tas-saħħa tal Poplu, icun jista jordna li il ligi tal Cnisja tibda tghaddi ghar-rħula ucoll.

*111. Ghadd tan-nies.*—Scond l'aħħar *Cens* li sar (fis-sena 1891), daun huma in-nies collha tal Gzejjer: Malta, mija-u-tmienja-u-ħamsin elf, mitejn-u-uieħed-u-sittin (158,261); Ghaudex, tmintax l'elf, disa-mija-u-uieħed-u-ghoxrin (18,921); Chemmuna, tlieta-u-erbghin (43). Collha f'dakka, 177,225.

---

(41) Haun min ighid li it-taxxa tal *boll* ħolkuha l' Olandizi u haun min ighid li ħolkuha l' Inglizi: imma l'Imperatur Giustinianu, fis-sena 557, digià chien ordna lin-Nutari xi ħaġa bħalha.

(42) Ghal hecc kal il Fòscolo (chittieb mill'akua):

" Il kobra mhux minn dejjem chienu kigha
tal Cnejjes; u l'intiena tal mejtin,
imħallta mal incens, inkas ma chienet
tniggez uakt it-talb taħħom il ħajjin. "

Scond ma ighid Ransijat, mita geu il Cavalieri (fissena 1530), ma chienx haun b'collox ħlief 25 elf ruħ ; u, mita marru, chien haun xi mit elf (o).

*112. Ghamil ihor.*—F'li schejjel taz-zghar, tal Liceo u tal Università, chif ucoll quasi fil postijet l'oħra collha tal Gvern, sar f'daun l'aħħar zmenijet tibdil ftit jeu uisk mghaggel, ftit jeu uisk ta min isemmiħ, ftit jeu uisk f'ħinu, li, mita 'nġarrbuħ, narau it-tajjeb u il ħazin tighu.

*113. Il meut tar-Regina Vittoria* (p). — Fit-22 ta jannar 1901, ir-Regina, mghobbija bis-snin u bil gloria, mietet fil Palazz ta Osborne. Jista jinghad bisseuua collu—u din hi l'isbaħ tifħira—li chienet l'euuel u l'aħjar esempiu ta Regina liberali fid-dinja chif iddur.

Binha il cbir, li tala fuk it-tron tal Inghilterra bl'isem ta Duardu Sebgha u chien imxandar f'din il Gzira fit-28 tal istess xahar, uighed li ghandu jibka jimxi f'collox fuk il passi t'Ommu : u din hi l'akua ueghda li sata jaghmel ghaliħ in-nifsu u ghan-nies ta cull xorta li ghandu fis-saltna cbira tighu.

## IT-TMIEM.

---

(o) Fl'1901, raġa sar *Cens* iħor, fejn insab dan *il ghadd ta nies:* Malta, 165,264 ruħ ; u Ghaudex, 19,789. Collox, 182,053 ruħ, barra mil Militar tal art u tal baħar.—G.M.A.

(p) Din l'aħħar biċċa zdiedet mill'Imħallef De Bonu sentejn uara li chien ħareġ li *Storia* bit-Talian, jigifieri fis-sena 1901.—G.M.A.

# TIFSIRA

San Luka, li chien jinsab fuk li stess bastiment ta San Paul u ra il gharka mighu, mita chiteb chif geu milkughin f'din il Gzira, fisser-ruħu b'daun il chelmiet: BARBARI *vero praestabant non modicam humanitatem nobis*. U li 'Mħallef De Bonu, biex ma jitbighed xejn mil *Ctieb imkaddes*, gieb bit-Talian li stess traduzioni ta Monsinjur Martini, li dejjem chienet imħaddna mil Cnisja: *E ci trattarono quei* BARBARI *con molta umanità*. Imma, f'li stess ħin, kighed *nota* taħt daun il chelmiet, biex ifisser li niesna ma chienux mghajta BARBRIN ghax chienu ħorox jeu chiefra, imma ghax, billi il biċċa il cbira taħħom chienu Fenici, ma chienux jafu bil Grieg u bil Latin.

Hecc ucoll il Professur Fallon, li digià ittraducia bl'Ingliz din li *Storia*, chiteb: *But the* BARBARIANS *shewed us no small courtesy*; u, imbaghd, f'kieħ il paġna, kaleb bil lingua tighu li stess tifsira tal Imħallef De Bonu.

Jena ma ghameltx hecc. Jen imxejt fuk Patri Curci, li, fit-traduzioni tal *Ctieb tal Appostli*, hua nisk actar mudern mil Martini; u, f'loc il BARBRIN, ittraducejt mill'euuel il MALTIN. Izda, forsi, biex incun izjed tar-rekka, messni nittraduci: *il* PAJZANI *daru maghna bi tieba cbira.*

Patri Curci jati ragiun lill'Imħallef De Bonu fuk it-tifsir tan-*nota* u ifaccar li, scond Erodotu, il Grieghi chienu isejħu BARBRIN l'Egiziani, ghalavolja daun chienu il-kuddiem dakshom; chif ucoll Ovidiu, mita

chien barra minn pajjizu, ghajjat *barbru* lilu in-nifsu, ghax ma chienx jifhem il lingua ta fejn chien. Imma Curci, biex ifisser ghax ittraducia PAJZANI il BARBRIN ta San Luka, kal li Malta, dac iz-zmien, chif jidher minn dac stess li ħalla mictub l'Evangelista fuk il lakgha ta San Paul u ta sħabu, digià chienet mghammra b'nies mill'izjed civili u tal ħniena, mentri illum il chelma BARBRIN tfisser nies ħorox u selvaggi. Kal ucoll Patri Curci li Malta — uaħda mill' eulenin artijet tal Fenici, jecc m'hix l'euuel uaħda ghal-collox u actarx ekdem ghandhom minn Cartaġni—chienet bil-fors il-kuddiem fiċ-civiltà u fit-tieba: u ghal hecc ma tatux kalbu li jittraduci *il* BARBRIN. " Daun ma idurux b'li mgharrkin ( kal, fl'aħħar nett, il Curci) : imma jaghmlu ghalihom. U in-nies ta Malta daru chemm felħu bl'Appostlu tal Gentili, jigifieri bl'*Appostlu taghna*, ghax aħna gejjin mil Gentili. "

Mela, jidhirli li, bħala Malti, stajt jen ucoll nittraduci *il* MALTIN jeu *il* PAJZANI. Mil bkija, digià ghamiltu darb'oħra, fl'*Epìstola* tal KUDDIESA TA SAN PAUL, li ħarget bis-sensja tal Cnisja.

G. M. A.

# UERREJ


Chelmtejn fuk dan il Ctieb ... ... Pağna 3
Dèdica ... ... ... ... ... 5
Tifsir ... ... ... ... ... 7

## L'EUUEL EPOCA

1. Il Fenici ... ... ... ... 9
2. Il Grieghi ... ... ... ... 10
3. Il Cartaginizi ... ... ... 11
4. Ir-Rumani ... ... ... ... 12
5. Malta sehem ta Cèsare ... ... 13
6. San Paul f'Malta ... ... ... 14
7. Malta maghmula municipiu ta Ruma „
8. Malta u il kasma tal Imperu Ruman 15
9. Il Vàndali u il Goti ... ... 16
10. Il Gharab ... ... ... ... 17

## IT-TIENI EPOCA

11. In-Normanni ... ... ... ... 18
12. Slaten Normanni ... ... ... 19
13. Li Svevi ... ... ... ... 20
14. Slaten Svevi... ... ... .. 21
15. Carlu D'Angiò ... ... ... 22
16. L'Aragunizi ... ... ... ... 23
17. L'euuel ghakda tal Gzira mal gid tas-Saltna ... ... ... 24
18. Zmien it-Tiranni ... ... ... 25
19. It-tieni ghakda mal gid tas-Saltna 26
20. Slaten Aragunizi ... ... ... 27
21. Il Castiljani ... ... ... ... „
22. Ir-rahan u il fidua tal Gzejjer ... 28
23. Privileggi ġodda ... ... ... 29
24. Is-Slaten ta uara Alfonsu ... ... 30
25. Slaten Castiljani ... ... ... 31
26. L'Università ... ... ... ... 32
27. Il Consill tal Poplu ... ... 33
28. Il Cbarat tal Gvern ... ... „
29. Il Militar ... ... ... ... 35
30. Il Cnisja ... ... ... ... „
31. Fhiex chienet tinsab il Gzira ... 37

# IT-TIELET EPOCA

## L'EUUEL ZMIEN

### L'Ordni tal Cavalieri ta San Ġuan


32. Bidu u mixi tal Ordni . ... ... Paġna 38
33. Il Gzira moghtija lill'Ordni... ... 40
34 Flippu Villiers de L'Ile-Adam ... 41
35. Pietru Del-Ponte ... ... ... 43
36. Desideriu de Saint-Jaille ... ... 44
37. Giovanni D'Omedes... ... ... 45
38. Claudiu de La Sengle ... ... 47
39. Giovanni de La Vallette ... ... 48
40. Pietru del Monte .. ... ... 53
41. Giovanni de La Cassiere ... ... 54
42. Ugone Verdale ... ... ... 56
43. Martin Garces ... ... ... 58
44. Alofiu de Wignacourt ... ... 59
45. Uigi Mendes Vasconcellos... ... 61
46. Antoniu de Paule ... ... ... 62
47. Ġan-Paul de Lascaris ... ... 63
48. Martin de-Redin ... ... ... 65
49. Nicola Cottoner ... ... ... 66
50. Ghirgor Caraffa ... ... ... 67
51. Adrianu de Wignacourt ... ... 68
52. Raimondu Perellos ... ... ... 69
53. Marcantoniu Zondadari ... ... 70
54. Antoniu Manòel de-Vilhena ... 71
55. Raimondu Despuig ... ... 72
56. Manuèl Pintu ... ... ... 73
57. Frangiscu Ximenes ... ... ... 75
58. Manuèl de-Rohan ... ... ... 77
59. Ferdinandu de Hompesch ... ... 79
60. Il Militar ... ... ... ... 82
61. Id-Duana ... ... ... ... 84
62. Il Cnisja u l'Ordni... ... ... 85
63. Fi ftit cliem... ... ... ... 87

## IT-TIENI ŻMIEN

### Taht il Francisi u f'idejn l'Inglizi


64. Il Cumissioni tal Gvern Francis ... Paġna 90
65. L'Ordnijet ġodda ... ... ... 91
66. Tmexxija tal Krati ... ... ... „
67. It-taksim tal Gzira... ... ... 92
68. It-Taghlim ... ... ... ... 93
69. Ir-Renti tal Gvern ... ... ... „
70. L'Armata tal art u tal baħar ... 94
71. Tiġrif ta Ligijet ... ... ... „
72. X'gieb u kajjem ir-reuuixta tal Maltin „
73. Ir-Re ta Napli, il Marchis ta Nissa u l'Armirall Nelson ... ... 96
74. Ball jibda jiggverna ghar-Re ta Napli 98
75. Il Congress Nazzionali ... ... 99
76. Il fehma tar-Russia ... ... 100
77. Jissocta l'imblocc u il Francisi iċiedu „
78. L' Inghilterra tibda tipprotiegi il Maltin ... ... ... ... 102
79. Il paci ta Amiens ... ... ... 103
80. L'Inghilterra ma titlakx il Malta 104


---

## L'AHHAR ZMIEN

### Mindu haun l' Inglizi


81. Il ftehim ta Parigi... ... ... 107
82. Malta art ingliza ... ... ... 108
83. L'euuel tibdil ... ... ... 109
84. Il Krati ... ... ... ... „
85. Tiġrif tal Municipiu ... ... ... 110
86. It-Taghlim .. ... ... ... 111
87. Ir-Renti ... ... ... ... 112
88. Militar u Polizìa ... ... ... „
89. Tghakkid tal ligijet ... ... 113
90. Il Cnisja ... ... ... ... „
91. Il meut ta Giorġ Tlieta u ta Giorġ Erbgha ... ... ... ... 115
92. It-tieni tibdil... ... ... ... „

93. Ir-Renti ... ... ... ... Paġna 116
94. It-Tagħlim ... ... ... ... „
95. Stampa libra ... ... ... 117
96. Il Polizìa u is-Sanità ... ... 118
97. Il Cnisja ... ... ... ... 119
98. Tisuijet oħra ... ... .. „
99. Il meut ta Guliermu ... ... „
100. Richard More O'Ferrall ... ... 120
101. It-tielet tibdil ... ... ... „
102. Setgħa biex isiru il Ligijet ... 121
103. Setgħa biex jitmexxa il Gvern ... 123
104. Setgħa biex jimxu il Krati... ... „
105. Ligijet taċ-Civil ... ... ... 124
106. Ligijet tal Cummerċ ... ... „
107. Ligijet tal Crimnal... ... ... „
108. Ligi fuk it-tmexxija tal Krati taċ-Civil ... ... ... ... 125
109. Ir-Renti ... ... ... ... „
110. Is-Saħħa ... ... ... ... 126
111. Għadd tan-nies ... ... ... „
112. Għamil iħor... ... ... ... 127
113. Il meut tar-Regina Vittoria ... „
Tifsira... ... ... ... ... 129

# IS-SLIEM GHALIC, MARIA

Is-sliem ghalic! Biex ħdejc inuassal talbi
fil ghodu, f'nofs in-nhar u fil ghaxija,
ma 'nsibx cliem izjed ħelu geuua kalbi:
is-sliem ghalic, Maria!

Fic minn cull grazzia, ghax Alla l'imbierec
tal hena tighu nizzel fic id-dija
u il ġmiel ta ruħu ma ġmiel ruħec xierec:
Int bil grazzia mimlija!

Is-Sinjur mighec! Int il bieb tas-Sema:
sa fuk il Kaddisin isaltan drighec
u minnec fuk di' l'art cull gid jirtema:
is-Sinjur Alla mighec!

Imbierca fost in-nisa, ghax dac Alla
li ma jesghux tas-Sema u l'art il uisa
ghammar gio fic u lilec safia ħalla:
imbierca fost in-nisa!

U imbierec Hu, li, ruħna biex ifejjak,
tnissel fil ġuf u sar demm uieħed mighec:
fil faraġ taghna, chif ucoll fid-duejjak,
imbierec il Frott tighec!

O Kaddisa! Biex ħdejc inuassal talbi,
mita l'imràr tad-dinja jaghmel bija,
ma 'nsibx cliem izjed ħelu geuua kalbi:
o Kaddisa Maria!

Omm Alla, li mix-xejn ilcoll ħalakna ;
u, imbagħd, bħal midinbin, sabiex jifdina,
tgħabba bi dnubna u fic minn ġdid seddakna :
Omm Alla, itlob għalina !

Itlob għalina : uakt il hemm u in-nichet,
issa — cull ħin — fis-sigħa tal meut tagħna —
sa mita l'aħħar nifs fina icun sichet,
kis li tcun dejjem magħna !

G. Muscat-Azzopardi.

# MIRIAM KARKUAS

Ġrajja ta 800 îlu, li fiħa tcunn tafu chif l-insara ħasbu jitilku għall fidua ta Gerusalemm.

80 facciata — 2½ soldi.

---

# DUN BOSCO

Hajja ta dan il kassis ta Torin li għamel gîd cbir għat-tfal billi ġabarhom f-Istituti u għallimhom is-snajja—Il Patrijet Salesiani tal Istitut ta tas-Sliema, li ma idumux ma jibdeu idaħħlu magħhom it-tfal imxerdin biex igħallmuhom xi sengħa, huma Patrijet ta Dun Bosco.

80 facciata — 2½ soldi.

---

Jinbigħu għand il librar Ġanni Muscat, Strada Mercanti, kuddiem il Posta il kadima.

---

L'Avvisi f-daun il cotba jitħallsu lira il facciata—nofs lira in-nofs facciata—jeu xelin il linja.

# Macni li idokku, icantau u jitchellmu!!!

(Gramòfoni)



Jinbighu ghand Walter Vella

Nru. 96, fin-nizla ta San Giuann, il Belt.